# Tifsiliet Ewropej għal Prattika b'Suċċess fl-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ

Sehim it-Tgħalliema b'SEN/Diżabiltajiet fil-VET

VET

European Agency for Development in Special Needs Education

# Tifsiliet Ewropej għal Prattika b'Suċċess fl-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ

## Sehim it-Tgħalliema b'SEN/Diżabiltajiet fil-VET

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (the Agency) hija organizzazzjoni indipendenti u li tirregola lilha nnifisha, megħjuna mill-pajjiżi membri tal-Agency u l-Istituzzjonijiet Ewropej (Il-Kummissjoni u l-Parlament).

L-ideat espressi minn kull individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw l-opinjonijiet uffiċjali tal-Agency, il-pajjiżi membri jew il-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni f'dan id-dokument.

L-Edituri: Mary Kyriazopoulou u Harald Weber, Staff tal-Agency.

Siltiet minn dan id-dokument huma permessi darba waħda ssir referenza ċara għas-sors mogħti. Dan ir-rapport għandu jsir referenza għalih kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2013. *Tifsiliet Ewropej għal Prattika b'suċċess fl-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ – Sehim it-Tgħalliema b'SEN/Diżabiltajiet fil-VET*. Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali.

Għal skop ta' aktar aċċessibiltà, dan ir-rapport jista' jinkiseb bi 22 lingwa, kif ukoll formats elettronikament manipulabbli, li jistgħu jinkisbu mill-websajt tal-Agency.

www.european-agency.org

ISBN: 978-87-7110-455-4 (Elettronika)        ISBN: 978-87-7110-433-2 (Ipprintjata)

© **European Agency for Development in Special Needs Education 2013**

Secretariat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Brussels Office
3 Avenue Palmerston
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

Din il-pubblikazzjoni kienet iffinanzjata bis-sostenn tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti l-opinjonijiet biss tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li nsibu hawn ġew.

## IL-KONTENUT


**1. PREFAZJU ..................................................................................................5**

**2. TAQSIRA EŻEKUTTIVA ..................................................................................7**

**3. INTRODUZZJONI ..........................................................................................9**

**4. ID-DISINN TAL-PROĠETT U L-METODOLOĠIJA .............................................11**

Passi fl-analiżi tal-proċess ...................................................................................11

*L-1 pass: Għażla ta' eżempji ..............................................................................11*

*It-2 pass: Żjajjar ta' studju ..................................................................................11*

*It-3 pass: Analiżi tal-prattika ...............................................................................12*

Limitazzjonijiet .....................................................................................................13

**5. ANALIŻI, RIŻULTATI U RAKKOMANDAZZJONIJIET .......................................15**

5.1 It-tifsila tal-immaniġġjar tal-istituzzjoni VET.....................................................18

*5.1.1 It-tmexxija tal-istituzzjoni Skola/VET ..........................................................18*

*5.1.2 L-Immaniġġjar ta' timijiet multidixxiplinarji ...................................................19*

5.2 Edukazzjoni Vokazzjonali u tifsila ta' taħriġ.......................................................20

*5.2.1 Approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi ..............................................................20*

*5.2.2 L-użu ta' pjanijiet individwali għal edukazzjoni, tgħallim, taħriġ u tranżizzjoni.....22*

*5.2.3 Strateġija ta' tnaqqis ta' dropouts...............................................................23*

*5.2.4 It-tqabbil tal-ħtiġijiet ta' ħiliet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet tat-tgħalliema.............24*

5.3 Tifsila tat-tgħalliema .......................................................................................25

*5.3.1 Iffukar fuq il-ħiliet tat-tgħalliema ..................................................................25*

*5.3.2 It-tqabbil ta' opportunitajiet ta' xogħol u x-xewqat individwali tat-tgħalliema u l-aspettazzjonijiet.....................................................................................................26*

*5.3.3 Jiġu stabbiliti strutturi ta' kooperazzjoni ma' kumpanniji lokali għal taħriġ prattiku u/jew impjegar wara l-gradwazzjoni ..........................................................................28*

5.4 Tifsila tas-suq tax-xogħol ..................................................................................29

*5.4.1 Il-ħarsien tal-konnessjonijiet ma' employers/kumpanniji lokali għal taħriġ prattiku u opportunitajiet ta' xogħol ibbażati fuq fiduċja u esperjenzi mgħoddija ........................29*

*5.4.2 Sostenn tat-tgħalliema u l-employers waqt il-fażi tat-tranżizzjoni fis-suq ħieles tax-xogħol..................................................................................................................30*

*5.4.3 Il-proviżjoni ta' attivitajiet li jsegwu biex isostnu l-impjieg tat-tgħalliema fil-kumpanniji ...........................................................................................................31*

**6. DISKUSSJONI ............................................................................................33**

Diskussjoni fuq fatturi oħra relevanti ....................................................................33

Proposti dwar kategoriji ta' riżultati adatti.............................................................35

Proposti li jirrigwardjaw l-użu tar-riżultati...............................................................37

**ANNESS 1 LISTA TA' ESPERTI ........................................................................39**

**ANNESS 2 LISTA TAL-FATTURI KOLLHA TAL-INPUT, L-ISTRUTTURA U L-PROĊESS ..............................................................................................................41**

**ANNESS 3 DEHRA ĠENERALI TAL-FATTURI F'KULL WAĦDA MILL-ERBA' TIFSILIET ..............................................................................................................49**

# 1. PREFAZJU

Il-proġett tal-'Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ: Policy u Prattika fil-qasam tal-Ħtiġijiet ta' Edukazzjoni Speċjali (VET)' identifika u investiga l-aspetti ewlenin tal-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ għat-tgħalliema bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali (SEN)/diżabiltajiet, li għandhom l-età ta' bejn l-14 u l-25, b'rabta ċara ma' opportunitajiet ta' impjegar. B'mod partikolari, il-proġett analizza '**dak li jaħdem'** fil-VET għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet, '**għalfejn jaħdem'** u '**kif jaħdem'**.

Aktar minn 50 espert ta' pajjiżi kienu involuti fl-attivitajiet tal-proġett, minn 26 pajjiż: l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Fillandja, Franza, il-Greċja, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Isvezja, l-Isvizzera, l-Iżlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Norveġja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka, Slovenja, Spanja, l-Isvezja u l-Ungerija. L-expertise u l-kompetenza taw kontribuzzjoni imprezzabbli għal skop ta' riflessjonijiet u diskussjonijiet li saru fil-laqgħat dwar il-proġett, kif ukoll dwar l-iżvilupp u l-metodoloġija u r-riżultati tal-proġetti ewlenin. (Jekk jogħġbok ara Anness 1 għal-lista tal-parteċipanti.)

Il-proġett kien sostnut mill-Grupp Konsultattiv tal-Proġett tar-Rappreżentanti tal-Agency. Grupp Konsultattiv estiż tal-Proġett iltaqa' matul il-proġett ma' rappreżentanti mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) u ċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) biex jassiguraw konsistenza ma' inizjattivi Ewropej u internazzjonali f'dan il-qasam ta' ħidma.

Il-proġett VET wassal għal għadd ta' outputs, li lkoll kemm huma jistgħu jinkisbu mill-websajt tal-proġett: http://www.european-agency.org/agency-projects/vocational-education-and-training. Dawn jinkludu:

- **studju tal-letteratura**, li jipprovdi l-qafas kunċettwali għall-proġett u li jinkludi fih studju tal-letteratura tar-riċerka internazzjonali fuq it-temi tal-proġett;
- **rapporti tal-pajjiżi**, li jipprovdu informazzjoni ġenerali fuq s-sistema tal-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ (VET) kif ukoll fuq is-sistema VET għat-tgħalliema b'SEN fil-pajjiżi parteċipanti;
- **rapport sommarju** fuq 'l-istat tal-arti fl-Ewropa' fir-rigward ta' policies u prattiċi fil-qasam tal-VET għal tgħalliema b'SEN;
- **studju tar-rapporti taż-żjajjar,** b'informazzjoni dettaljata fuq it-28 analiżi tal-prattika VET

Output ieħor huwa r-rapport tat-Tifsiliet Ewropej fil-VET, żviluppati bħala riżultat ta' analiżi koerenti u komprensiva tat-28 prattika VET, eżaminati fil-kors tal-proġett. Ir-rapport jidentifika x-xebh u d-differenzi fl-eżempji VET li għamlu suċċess u jipprovdi rakkomandazzjonijiet biex titjieb il-prestazzjoni fis-sistema VET tal-pajjiżi f'oqsma partikolari. Dan ir-rapport huwa kkumplimentat b'dokument li jagħti d-dettalji tal-metodoloġija użata fil-proġett biex jiġi analizzat l-istudju tar-riżultati ta' wara ż-żjara u biex jitwaqqaf mudell tas-sistema VET, li jista' jinkiseb ukoll mill-websajt tal-proġett.

**Cor Meijer**

Direttur

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

## 2. TAQSIRA EŻEKUTTIVA

Il-proġett tal-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ (VET) esplora l-fatturi ewlenin tal-VET għat-tgħalliema bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali (SEN)/diżabiltajiet b'għanijiet ċari li jorbtuhom ma' opportunitajiet ta' impjegar. Għalkemm il-proġett eżamina l-kontenut tal-programmi VET, il-foku ewlieni kien fuq ir-riżultati (outcomes) tal-VET f'relazzjoni mas-suq tax-xogħol.

Ir-riżultat ewlieni li ngħata importanza ewlenija fil-kors tal-analiżi tal-proġett huwa li dak li huwa prattika tajba u effiċjenti għat-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet fil-VET u fit-tranżizzjoni għall-impjegar huwa prattika tajba għat-tgħalliema *kollha*. Konsegwenza ta' hekk, ir-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq is-sejbiet tal-proġett se jkunu ta' ħtieġa wkoll fil-VET u t-tranżizzjoni għal impjegar tat-tgħalliema kollha.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew żviluppati bil-għan li jtejbu l-prestazzjoni tas-sistemi VET tal-pajjiżi f'oqsma partikolari. Ġew osservati u identifikati erba' oqsma f'ħafna mit-28 eżempju tal-istudji taż-żjajjar li fuqhom jibnu r-riżultati (outcomes) tal-proġett. Dawn l-oqsma ssejħu tifsiliet – *patterns* bl-Ingliż – fil-proġett. F'dawn it-tifsiliet, l-aspetti t'hawn taħt, fejn is-sistemi VET jinħtieġu aktar titjib ġew identifikati:

*It-tifsila tal-immaniġġjar tal-istituzzjoni VET*

- It-tmexxija tal-istituzzjoni tal-Iskola/VET tinħtieġ li tiżviluppa policy inklużiva, fejn id-differenzi fost it-tgħalliema jintqiesu bħala parti 'normali' mill-kultura edukattiva, u biex tinħoloq atmosfera ta' motivazzjoni u impenn. Tmexxija effettiva tiġi 'distribwita', billi timxi lil hinn minn approċju minn fuq għal isfel, fid-direzzjoni ta' xogħol f'tim, u soluzzjonar ta' problemi b'mod kollaborattiv.
- Timijiet multidixxiplinarji bi rwoli ċari għandhom jadottaw approċju f'ħidma ta' tim u kooperazzjoni b'komunikazzjoni interna ta' livell għoli (ikkowċjar minn koetanji, diskussjonijiet informali, soluzzjonar ta' problemi b'mod kollaborattiv, eċċ.) u komunikazzjoni esterna b'servizzi oħrajn.

*Edukazzjoni vokazzjonali u tifsiliet ta' taħriġ*

- Approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi fl-ippjanar, issettjar ta' miri u disinn tal-kurrikulu jinħtieġ li jintużaw fil-proċess tat-tgħallim tal-VET, biex b'hekk il-kurrikulu, il-metodi pedagoġiċi u l-materjali u l-metodi ta' assessjar u miri jitfasslu għall-ħtiġijiet individwali.
- Il-proċess tat-tgħallim jinħtieġ li juża approċji flessibbli li jgħinu fl-iżvilupp u t-twettiq ta' pjanijiet individwali. Pjan tajjeb jinforma u huwa informat minn approċju ta' tim multidixxiplinarju. Dan huwa dokument ħaj, li jista' jintuża b'mod faċli li jiġi studjat b'mod regolari minn dawk kollha involuti. It-tgħalliema huma involuti mill-bidu tal-ipproċessar tal-ippjanar individwali u l-vuċijiet tagħhom jinstemgħu l-ħin kollu.
- L-istituzzjonijiet tal-Iskejjel/VET għandhom jieħdu azzjonijiet ta' edukazzjoni priventiva kontra d-dropouts b'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi soċjali lokali filwaqt li jiżviluppaw il-miżuri neċessarji biex b'hekk it-tgħalliema li ma jibqgħux jieħdu interess isibu alternattivi ġodda.
- Il-programmi/korsijiet VET jinħtieġ li jiġu studjati perjodikament, kemm internament (eż. billi jiġu vvalidati skont l-analiżijiet riċenti tas-suq tax-xogħol) u/jew esternament (eż. Aġenziji nazzjonali) biex b'hekk jiġu adatti għal ħtiġijiet ta' ħiliet kurrenti u futuri.

*It-tifsiliet tat-tgħalliema*

- L-istaff kollu jinħtieġ li jpoġġi l-ħiliet tat-tgħalliema fiċ-ċentru tal-approċji tagħhom u jaraw opportunitajiet aktar milli sfidi. Għandhom jiffukaw fuq dak li t-tgħalliema 'jistgħu' jagħmlu, mhux fuq dak li 'ma jistgħux' jagħmlu, u jwasslu biex it-tgħalliema kollha jħossuhom aktar kunfidenti u assertivi.
- Is-suċċess fil-VET u fit-tranżizzjoni għas-suq ħieles tax-xogħol ma tantx jista' jintlaħaq jekk ix-xewqat u l-aspettazzjonijiet tat-tgħalliemi individwali ma jingħatawx l-importanza tagħhom. Dawn ix-xewqat u l-aspettazzjonijiet jinħtieġ li jiġu rrispettati u riflessi f'kull pass tal-proċess tat-tranżizzjoni.
- L-istituzzjonijiet tal-VET jeħtieġ li jiżviluppaw partnerships u strutturi ta' nnetwerkjar bi grupp ta' employers lokali li jassiguraw kooperazzjoni mill-qrib fir-rigward ta' taħriġ prattiku tat-tgħalliema b'mod sorveljat u li jsibu impjieg wara l-gradwazzjoni.

*Tifsiliet tas-suq tax-xogħol*

- L-istituzzjoni tal-iskola/VET jinħtieġ li tistabbilixxi u ssostni kuntatti tajba ma' employers lokali għal tul ta' żmien. Dawn il-kuntatti jinbnew fuq kunfidenza dejjem tikber tal-kumpanniji li jirċievu sostenn xieraq kull meta jinħtiġuh matul il-proċess.
- It-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-ħtiġijiet tal-impjegar jinħtieġ li jkunu sostnuti b'mod adekwat fil-fażi tat-tranżizzjoni. L-uffiċjali u l-kunsillieri tal-karrieri jinħtieġ li jinfurmaw lit-tgħalliema dwar il-possibiltajiet tal-impjegar, jgħinuhom b'applikazzjonijiet għax-xogħol, jinfurmaw u jgħinu lill-employers u jiffaċilitaw kuntatt bejn iż-żewġ partijiet.
- Biex ikun hemm fażi ta' tranżizzjoni b'suċċess li twassal għal xogħol sostenibbli fis-suq ħieles tax-xogħol, irid ikun hemm attivitajiet li jsegwu minn staff kompetenti għat-tul ta' żmien mistħoqq, biex ilaħħaq mal-ħtiġijiet tal-gradwati żgħażagħ u l-employers.

Il-proġett żviluppa mudell ta' sistema VET ibbażat fuq l-istudju tar-riżultati (outcomes) taż-żjajjar bil-għan li jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet li jirrispettaw il-kumplessità tas-sistemi VET. L-użu ta' mudell ta' sistema VET għal rakkomandazzjonijiet ta' żvilupp iżżid valur billi:

- tidentifika l-fatturi ewlenin kollha li jinfluwenzaw il-problema li jkun hemm;
- tingħata importanza l-impatt li kull tibdil jista' jkollu fuq partijiet oħra tas-sistema VET;
- jiġi suġġerit fejn l-aħjar li l-miżuri jiġu mmirati biex ikunu effettivi kemm jista' jkun.

Il-mudell tas-sistema VET jibni fuq ir-riżultat (outcome) tal-analiżi tat-28 prattika VET li kienu suċċess f'26 pajjiż Ewropew, magħżula skont il-kriterji varji maqbula mill-parteċipanti tal-proġett. Timijiet żgħar ta' esperti żaru kull wieħed minn dawn is-siti u ħadmu ma' partners u stakeholders lokali. Il-proġett partikolarment fittex li jsib xebh u differenzi f'sistemi VET li għamlu suċċess għal nies b'SEN/diżabiltajiet. F'dawn iż-żjajjar ġew identifikati fatturi numerużi li sostnew kif ukoll fixklu prattika effettiva. Sussekwentement dawn ġew imnaqqsa u trasformati f'sett ta' 68 fattur ta' suċċess.

Fil-konferenza VET tal-proġett li nżammet f'Ċipru f'Novembru 2012, l-esperti ddiskutew dawn il-fatturi ta' suċċess bil-għan li jenfasizzaw fuq ir-relevanza u l-interkonnettività ta' bejniethom. Saret ukoll analiżi oħra biex jiġi esplorat *għalfejn* ċerti fatturi jidhru flimkien u x'inhuma l-implikazzjonijet li dawn għandhom fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-proġett.

## 3. INTRODUZZJONI

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jippreżenta numru ta' tifsiliet ta' prattiċi VET li għamlu suċċess mat-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet. Dawn ġew identifikati fl-analiżi tal-proġett u jipprovdu l-bażi għal rakkomandazzjonijiet biex itejbu l-prestazzjoni tas-sistema VET f'oqsma magħżula. Ir-rapport fil-qosor jippreżenta wkoll il-qafas u l-istadji differenti tal-analiżi użati fil-proġett VET.

Dan il-proġett ta' tliet snin tal-Agency (2010–2012) fuq is-suġġett tal-'Edukazzjoni Vokazzjonali u Taħriġ: Policy u Prattika fil-qasam tal-Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali', inbdiet mill-pajjiżi membri tal-Agency, li għarfu li l-VET bħala qasam ta' prijorità jinħtieġ aktar investigazzjoni fil-livell nazzjonali u Ewropew[1].

Il-Kunsill tal-Ministri għamel ukoll il-VET bħala prijorità, billi *qal* li kull ċittadin għandu jkun mgħammar b'ħiliet meħtieġa biex wieħed jgħix u jaħdem fis-soċjetà l-ġdida tal-informazzjoni u li jinħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lil nies b'diżabiltà (Il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona, 2000; ara footnote 2 isfel). F'dan ir-rigward, għadd ta' dokumenti uffiċjali[2] għafsu fuq il-kwistjoni tal-VET fil-kuntest tat-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet.

Il-messaġġi ewlenin jistgħu jitqassru kif ġej:

- Il-VET irid ikun ekwitabbli u effiċjenti.
- L-iżvilupp ta' VET ta' kwalità għolja hija parti integrali u kruċjali mill-istrateġija ta' Lisbona, b'mod partikolari f'termini ta' promozzjoni ta' inklużjoni soċjali.
- Il-VET għandu jiġi indirizzat lis-sezzjonijiet kollha tal-popolazzjoni, joffri opportunitajiet attraenti u li joffru sfida lil dawk li għandhom potenzjal kbir, filwaqt li fl-istess ħin jindirizzaw lil dawk f'riskju ta' żvantaġġi edukattivi u esklużjoni mis-suq tax-xogħol bħalma huma nies b'SEN.
- Data uffiċjali turi li nies b'diżabiltà jkomplu jkunu esklużi b'mod sproporzjonat mis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, nies li jkollhom diżabiltajiet ta' tgħallim u ta' intellettwalità għandhom ċans inqas li jkunu fix-xogħol minn dawk li jkollhom diżabiltajiet fiżiċi.
- L-esklużjoni ta' nies b'diżabiltajiet mis-suq tax-xogħol hija problema serja mill-perspettiva ta' opportunitajiet ugwali. Il-pajjiżi għandhom jagħmluha bħala prijorità li jiksbu riżultati aħjar għal, fost oħrajn, tgħalliema bi ħtiġijiet speċjali, kif ukoll biex jippromwovu tgħallim personalizzat permezz ta' sostenn f'waqtu u servizzi kkoordinati tajjeb, biex jiġu integrati servizzi b'edukazzjoni mainstream u biex jiġu assigurati toroq (pathways) għal aktar edukazzjoni u taħriġ.

---

[1] Il-proġett bena fuq is-sejbiet ewlenin taż-żewġ proġetti tal-Agency: 'Tranżizzjoni minn Skola għal Impjegar' u 'Pjanijiet Individwali ta' Tranżizzjoni: Insostnu l-Mixja minn Skola għal Impjegar', kif ukoll fuq is-sejbiet ewlenin tal-proġetti relevanti u l-istudji tar-riċerka.

[2] Dawn jinkludu l-Kunsill Ewropew ta' Lisbona, Marzu 2000; *Id-Dikjarazzjoni tal-Ministri Ewropej tal-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ,* Novembru 2002; *Il-Konklużjonijiet abbozz tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri,* Ottubru 2004; *Il-Komunikazzjoni tal-Ministri Ewropej ta' Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ,* Diċembru 2006; *Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni għall-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjunijiet. Inwasslu tgħallim tul il-ħajja għall-għerf-għarfien, kreattività u innovazzjoni,* Novembru 2007 u *Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Ħiliet Ġodda għal Xogħol Ġdid – Nantiċipaw u nqabblu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet,* Diċembru 2008.

L-għan tal-proġett u l-analiżi tal-prattika VET kien li jiġu identifikati u investigati l-aspetti ewlenin tal-programmi VET għat-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet li jkollhom bejn l-14 u l-25 sena, b'rabta ċara ma' opportunitajiet ta' impjegar. B'mod partikolari, il-proġett investiga 'dak li jaħdem' fil-VET għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet, 'għalfejn jaħdem' u 'kif jaħdem'. Għalkemm il-proġett eżamina l-kontenut tal-programmi VET, il-foku ewlieni huwa fuq r-riżultati (outcomes) tal-VET f'relazzjoni mas-suq tax-xogħol.

Dan ir-rapport huwa strutturat kif ġej: wara l-prefazzjoni f'sezzjoni 1, it-taqsira eżekuttiva f'sezzjoni 2 u din l-introduzzjoni (sezzjoni 3); sezzjoni 4 tipprovdi idea ġenerali tad-disinn u l-metodoloġija tal-analiżi tal-prattika VET li tikkontribwixxi għall-għan ta' dan il-proġett. Sezzjoni 5 tippreżenta l-analiżi u r-riżultati ewlenin u tiddeskrivi l-erba' tifsiliet li kienu osservati fiż-żjajjar tal-istudju bir-rakkomandazzjonijiet relevanti. Sezzjoni 6 tagħti importanza lil xi konklużjonijiet oħra fl-analiżi tal-proġett. Lista tal-fatturi-suċċess identifikati fiż-żjajjar tal-istudji, kif ukoll il-fatturi-suċċess identifikati fl-erba' tifsiliet, jinsabu fl-Annessi 2 u 3, filwaqt li Anness 1 fih il-lista ta' esperti li ħadu sehem fil-proġett.

## 4. ID-DISINN TAL-PROĠETT U L-METODOLOĠIJA

Biex issir analiżi ta' prattika tal-VET f'26 pajjiż, il-pajjiżi membri tal-Agency qablu fuq qafas komuni u metodoloġija li jassiguraw il-validità, l-omoġeneità u l-effiċjenza tal-approċju tal-proġett u l-analiżi sussekwenti. Il-parteċipanti tal-proġett iddeċidew li timijiet żgħar ta' esperti jżuru kull pajjiż parteċipant biex jeżaminaw l-eżempji individwali tal-VET għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet u janalizzaw ir-riżultati (outcomes) tal-istudji taż-żjajjar individwali.

L-għan taż-żjajjar tal-istudju u l-analiżi finali kien li jidentifikaw u jinvestigaw l-aspetti ewlenin tal-VET għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet li għandhom bejn l-14 u l-25 sena, b'rabta ċara ma' opportunitajiet ta' impjegar. B'mod partikolari, l-objettiv ma kienx biss biex wieħed jifhem **dak li jaħdem**, imma wkoll biex wieħed jifhem aktar fil-fond **għalfejn jaħdem** u **kif jaħdem**. Il-foku kien fuq il-kontenut tal-programmi tal-VET, fuq l-issettjar li fih dawn il-programmi kienu joperaw u fuq ir-riżultati VET ewlenin f'relazzjoni mas-suq tax-xogħol.

### Passi fl-analiżi tal-proċess

#### *L-1 pass: Għażla ta' eżempji*

L-ewwel pass tal-proċess involva għażla ta' eżempji ta' programmi li għamlu suċċess fuq livell nazzjonali/lokali għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet f'kull pajjiż parteċipant. L-għażla kienet mibnija fuq kriterji varji li ġew ippreżentati mill-esperti fil-laqgħa tal-bidu tal-proġett, inklużi l-ħtiġijiet li l-eżempji kollha għandhom juru b'mod ċar approċju *inklużiv* għall-VET għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet.

Fir-rigward tal-approċju inklużiv, id-differenzi bejn is-sistemi VET varji tal-pajjiżi parteċipanti jridu jingħataw l-importanza tagħhom. Deher ċar li xi wħud mill-eżempji għamlu referenza għal programmi ta' taħriġ separat għat-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet. Madankollu, kien miftiehem li, barra l-foku fuq l-inklużjoni, trid tittieħed konsiderazzjoni wkoll tar-riżultati (outcomes) tal-programm VET, jiġifieri safejn il-programmi jħejju t-tgħalliema biex isibu xogħol fis-suq ħieles tax-xogħol. Għal din ir-raġuni, ġew inklużi xi programmi għal rashom.

#### *It-2 pass: Żjajjar ta' studju*

L-għan tal-analiżi prattika kien li jiġu esplorati fatturi li jista' jkollhom impatt pożittiv jew negattiv fuq l-proċessi tal-VET u r-riżultati (outcomes) għal tgħalliema individwali b'SEN/diżabiltajiet. Il-proċess kellu wkoll l-għan li jesplora r-relazzjonijiet-inter bejn il-fatturi differenti, għax xi wħud jistgħu jkunu essenzjali, filwaqt li oħrajn jistgħu jkunu kuntradittorji jew jeskludu wieħed lil ieħor.

Il-programm taż-żjara tal-istudju, li dam minn Novembru 2010 sa Ġunju 2012, kien magħmul minn 28 żjara ta' studju[3] magħżula minn eżempji VET. Żewġ esperti jew tlieta minn pajjiżi parteċipanti segwew kull żjara ta' studju ma' membru mill-istaff tal-Agency u l-imsieħba lokali u l-istakeholders marbuta mal-programm VET tal-pajjiż ospitanti.

Ix-xogħol tal-esperti kien li jiffamiljarizzaw lilhom infushom ma', u jifhmu aħjar kull eżempju ta' VET u jinvestigaw il-fatturi li jidhru li jiffaċilitaw kemm il-mod kif il-VET isir u r-riżultati (outcomes) ta' kull proċess partikolari tal-VET.

Iż-żjajjar tal-istudju kienu magħmula minn tliet partijiet relatati ta' importanza ugwali:

[3] Fir-Renju Unit, l-eżempji ġew miżjura fl-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq u Wales.

1. Laqgħat mal-istakeholders.

   Għan: preżentazzjoni tal-proġett u diskussjoni ma' stakeholders differenti involuti fil-proċess VET bil-għan li jiġbru informazzjoni minn perspettivi differenti (eż. Providers ta' servizz, kapijiet ta' skejjel, għalliema/ħarrieġa, professjonisti oħra, rappreżentanti ta' tgħalliema żgħażagħ, rappreżentanti ta' familji, impjegati lokali, providers tal-finanzi, policy makers lokali, NGOs, eċċ.).

2. Żjajjar attwali għal-lokazzjoni tal-programm tal-VET.

   Għan: żjajjar fuq is-siti, li jinkludu attivitajiet lokali, u diskussjoni ma' professjonisti u tgħalliema żgħażagħ bil-għan li jinkiseb fehim aktar fond dwar il-programm VET u r-riżultati (outcomes) ewlenin f'relazzjoni mas-suq tax-xogħol. Din il-parti inkludiet ukoll żjajjar għal kumpanniji lokali u diskussjoni ma' employers u tgħalliema żgħażagħ li kienu qegħdin jagħmlu t-taħriġ prattiku tagħhom u/jew kellhom impjieg wara l-gradwazzjoni.

3. Laqgħat ta' esperti biex jiddiskutu u jikkonsolidaw l-osservazzjonijiet.

   Għan: diskussjoni ċċentrata fuq l-informazzjoni pprovduta dwar il-proġett VET, iż-żjara għall-proġett u d-diskussjoni mal-istakeholders involuti.

***It-3 pass: Analiżi tal-prattika***

Il-pass finali kien jikkonsisti minn analiżi koerenti u komprensiva tal-istudju taż-żjajjar individwali u l-identifikazzjoni ta' xejriet li lkoll flimkien jipprovdu valur miżjud għal dan l-istudju mifrux mal-Ewropa kollha. Kull eżempju ta' individwu kien analizzat biex jinħarġu s-similaritajiet u d-differenzi fir-rigward ta' *għalfejn* l-eżempju huwa suċċess. L-esperjenzi tal-esperti ta' proġetti li ġew qabel, flimkien ma' studju tal-letteratura, kienu diġà identifikaw għadd ta' fatturi bħala li kienu jgħinu biex il-VET ikun suċċess għat-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet. Waħda mill-forom ta' analiżi allura setgħet kienet li jiġu kkunsidrati t-28 eżempju mqabbla ma' lista ta' 'fatturi ta' suċċess', fl-istil taċ-ċekkjatura mogħtija. Madankollu, l-esperti tal-proġett iddeċidew li jagħmlu l-analiżi individwali mingħajr sett ta' fatturi potenzjali ta' suċċess. Minflok, tlestiet lista ta' fatturi kompletament ġdida.

It-timijiet taż-żjara tal-istudju identifikaw numru kbir ta' fatturi li kemm sostnew u fixklu l-prattika effettiva. Permezz ta' proċess iterattiv, dawn ġew ridotti u trasformati f'sett ta' 68 fattur ta' suċċess[4]. Xi wħud minn dawn il-fatturi ġew osservati f'ħafna mill-eżempji miżjura, p.e. kellhom frekwenza għolja. Jidher li dawn il-fatturi li kellhom frekwenza għolja huma komuni għal ħafna eżempji minkejja kuntesti ekonomiċi, ta' policy, kulturali differenti u oħrajn. Konsegwentement, dawn kienu ta' interess partikolari għal aktar analiżi, li kellha l-għan li tiżviluppa rakkomandazzjonijiet li huma applikabbli u ta' ħtieġa b'ħafna kuntesti differenti. Lista tat-68 fattur hija inkluża f'Anness 2.

Fil-konferenza VET li saret f'Ċipru f'Novembru 2012, l-esperti ddiskutew dawn il-fatturi u għafsu fuq ir-relevanza tagħhom u kif jorbtu ma' xulxin. Gruppi ta' ħidma mbagħad żviluppaw u ddokumentaw spjegazzjonijiet fuq dawn il-fatturi komuni.

Kull fattur individwali identifikat mill-proġett kien diġà magħruf mir-riċerka u studji oħra, kif ukoll mill-esperjenzi tal-esperti nfushom. Ir-riżultati (outcomes) tal-konferenza indikaw li, aktar milli wieħed iħares lejn id-dettalji ta' kull fattur individwali, il-proġett kellu jesplora għalfejn ċerti fatturi jidhru flimkien u l-implikazzjonijiet ta' din l-idea għar-rakkomandazzjonijiet biex jiġu żviluppati.

[4] Deskrizzjoni dettaljata tal-metodoloġija u r-riżultati intermedji nsibuhom fid-dokument elettroniku tal-gasam-web tal-proġett: http://www.european-agency.org/agency-projects/vocational-education-and-training

Jidher li xi minn daqqiet individwi jagħmlu suċċess mill-VET, minkejja kundizzjonijiet diffiċli, filwaqt li f'każijiet oħra, fejn il-kundizzjonijiet ikunu tajbin ħafna, il-VET ma jkunx suċċess daqskemm wieħed jistenna. Barra minn hekk evidenza minn żjajjar turi li kull tip ta' titjib li jtul tas-sistema VET li tiffoka fuq aspetti singli (eż. sostenn finanzjarju tal-employers, sistemi kwota, iffukar fuq it-taħriġ tal-prattika, skemi ta' estensjoni VET) għandha impatt limitat fuq is-suċċess finali.

Jidher li s-sistemi edukattivi b'mod ġenerali, u s-sistemi VET b'mod partikolari, għandhom ċertu livell ta' kumplessità. Din il-kumplessità għandha tinftiehem bilgħan li naslu għal konklużjonijiet li jagħmlu sens u jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet effettivi.

Sistemi kumplessi bħas-sistema VET fiha għadd ta' elementi li jinfluwenzaw, jew huma influwenzati minn xulxin. F'dan ir-rigward dawn jinkludu stakeholders bħal staff ta' għalliema, tgħalliema u employers; organizzazzjonijiet bħal skejjel, kumpanniji u ċentri ta' riżorsa; u attivitajiet bħal iggwidar, tagħlim, evitar ta' tfal li ma jkomplux l-iskola, eċċ.

Aktar milli nippruvaw nidentifikaw l-elementi kollha tat-28 sistema VET osservati fl-eżempji u biex nagħrfu kif dawn l-elementi f'kull waħda minn dawn is-sistemi jinfluwenzaw lil xulxin, il-proġett ipprova jirriduċi din il-kumplessità inerenti billi jħaddem żewġ miżuri partikolari. L-ewwel, huma dawk l-elementi tas-sistema VET li ġew ikkunsidrati relevanti għas-suċċess tal-eżempji li huma suġġetti għal aktar analiżi. It-tieni, billi niffukaw fuq dawk l-elementi li jidhru f'ħafna jekk mhux l-eżempji kollha, il-proġett evita li jħares lejn it-28 sistema VET b'mod individwali. Minflok, ipoġġi l-komunalitajiet ta' dawk is-sistemi VET fuq quddiem nett. Ovvjament, dawk l-hekk imsejħa 'fatturi suċċess ta' frekwenza għolja' isostnu ż-żewġ rekwiżiti: huma meqjusa bħala relevanti u huma ġew osservati fil-biċċa l-kbira tal-eżempji. Biex jinbena mudell ta' sistema VET li jkun jiġbor fih dawn il-fatturi ta' suċċess, kien importanti li jiġi determinat jekk u kif il-fatturi influwenzaw wieħed lil ieħor. Kull fattur ta' suċċess kien iċċekkjat kontra kull fattur ieħor billi sar użu minn metodi statistiċi u permezz ta' assessjar minn gruppi ta' esperti.

Il-Grupp Konsultattiv tal-Proġett iddetermina kif kull suċċess fattur A għandu impatt fuq kull suċċess fattur B u jekk inhu hekk, jekk il-livell ta' impatt huwiex dgħajjef, medju jew b'saħħtu.

Ir-riżultat tax-xogħol ta' dan il-grupp huwa netwerk ta' fatturi konnessi li jistabbilixxu *sistema mudell ta' VET*, li tirrifletti l-karatteristiċi ewlenin tat-28 eżempju miżjura. Dan il-mudell kien espress bħala dijagramm li fih il-fatturi ta' suċċess ta' frekwenza għolja bi vleġeġ li joriġinaw minn dawk il-fatturi li jinfluwenzaw fatturi oħra. Minħabba li dan id-dijagramm huwa kumpless mhux ħażin, se jiġu inklużi biss, f'sezzjoni 5, dawk il-partijiet li huma relevanti, biex jiġbdu ċerti konklużjonijiet. Id-dijagramm sħiħ qiegħed fil-paper dwar il-Metodoloġija tal-Proġett.

F'kapitlu 5, dan il-mudell tas-sistema VET intuża bħala l-bażi għar-rakkomandazzjonijiet tal-proġett. Partijiet magħżula tal-mudell tas-sistema VET intużaw għall-ewwel biex titnaqqas il-kumplessità tal-mudell sħiħ u t-tieni biex jieħdu post ir-rakkomandazzjonijiet mibnija fuq il-fatturi singli ma' dawk li jieħdu inkonsiderazzjoni l-kuntest speċifiku u r-relazzjonijiet-inter ta' kull fattur fil-mudell.

**Limitazzjonijiet**

L-approċju li nsibu f'dan il-proġett jista' jkun fih ċertu bias li jinħtieġ aktar diskussjoni biex il-qarrej jifhem aħjar u jinterpreta r-riżultati (outcomes) fil-kuntest.

L-ewwel, min stieden lil dawk li kienu qegħdin jagħmlu ż-żjajjar għall-istudju tal-proġett kienu jafu minn qabel li l-eżempju tagħhom kien ingħażel bħala 'eżempju tajjeb'. Għal din

ir-raġuni, il-preżentazzjonijiet li saru u n-nebħ ipprovdut f'dawn iż-żjajjar ħafna drabi ffoka fuq l-aspetti li nħasbu li kienu l-fatturi tas-suċċess ewlieni. It-tul taż-żjara fuq il-post (madwar 1.5 u jumejn bħala medja) u l-ħtieġa ta' vvjaġġar lejn lokazzjonijiet differenti (eż. ministeri, skejjel, kumpanniji) illimitaw il-profondità tan-nebħ. Għalhekk, filwaqt li l-proġett se jagħti dehra ġenerali tal-prattiċi VET li kienu suċċess fl-Ewropa, mhuwiex se jipprovdi tweġibiet għall-mistoqsijiet kollha li jistgħu jqumu.

It-tieni ħaġa, il-foku ta' prattika taż-żjajjar tal-istudju kien fuq l-istituzzjoni VET u l-programmi VET tagħha. Bħala riżultat, fatturi oħra – pereżempju, il-qafas speċifiku ta' policy jew l-iskemi ta' sostenn finanzjarju għall-impjegati li jagħmlu użu minn ingaġġar ta' tgħalliema b'SEN – ma kinux ċentrali u għalhekk huma inqas evidenti fis-sett ta' fatturi ta' suċċess. Filwaqt li l-parteċipanti kollha jaqblu li dawk u oqsma oħra huma wkoll ta' relevanza, foku speċifiku kien neċessarju biex jottimizza l-ħin limitat taż-żjara tal-istudju.

Barra minn hekk, kif deskritt f'sezzjonijiet oħra, għadd ta' fatturi li kienu identifikati f'ċerti żjajjar ta' studju ma ttiħdux inkonsiderazzjoni meta nħoloq il-mudell tas-sistema. Filwaqt li kien neċessarju li jingħata każ ta' dawn il-fatturi biex isib similaritajiet f'dawn l-eżempji ta' oqfsa u ambjenti differenti, l-implikazzjonijiet ta' din l-azzjoni jridu jiġu diskussi wkoll. L-esperti identifikaw kull wieħed mit-68 fattur bħala li kien relevanti fih innifsu, jiġifieri r-relevanza għal kull eżempju li fih instab ma kinetx tiddependi fuq kemm frekwentement okkorra fiż-żjajjar tal-istudju. Iffukar fuq fatturi li jidhru fil-maġġoranza tal-eżempji jistgħu jeskludu l-fatturi veri u proprji li huma ċ-ċavetta għal approċji innovattivi, imma għadhom mhumiex imxerrda jew prattika komuni fil-VET. Konsegwentement, il-proġett analizza wkoll u ddiskuta l-fatturi li ma kinux suġġetti għal proċess ta' ssettjar ta' mudell ta' sistema VET li kien sar qabel. Ir-riżultati (outcomes) ta' dawn id-diskussjonijiet qegħdin f'sezzjoni 6, fejn hemm aktar konklużjonijiet. Huwa rrakkomandat li dawn il-konklużjonijiet jiġu kkunsidrati wkoll fil-kuntest ta' twettiq jew tkomplija ta' VET għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet.

F'dan il-kuntest, huwa importanti li niffukaw fuq l-approċji ġodda li qegħdin jittieħdu f'xi pajjiżi fil-forma ta' ċentri ta' riżorsa. Dawn iċ-ċentri jgħinu nies żgħażagħ b'SEN/diżabiltajiet biex jgħixu ħajja inklużiva, billi jiġu pprovduti sostenn fl-aspetti kollha tal-ħajja. Iċ-ċentri ta' riżorsa jservu bħala katalista biex iġibu setturi varji differenti flimkien, bħalma huma l-Ministeri tal-Edukazzjoni, is-Saħħa u l-Impjieg, l-awtoritajiet lokali, kumpanniji, assoċjazzjonijiet ta' ġenituri, eċċ. Dawn jiżviluppaw sinerġija bejn aspetti ta' taħriġ, aspetti ta' impjegar, aspetti ta' djar u ċittadinanza. Dawn jibbriġġjaw il-qasma billi jipprovdu tranżizzjoni progressiva fis-settur mainstream għal dawk li għandhom 16 jew iktar u billi jipprovdu sostenn speċjalizzat. Ċentri ta' riżorsa jsaħħu lill-individwi lil hinn minn sostenn prattiku immedjat u għandhom rwol ewlieni fit-tibdil għall-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni dwar l-opportunitajiet edukattivi xierqa u l-impjegar fis-suq ħieles tax-xogħol.

Aspett ieħor ta' diskussjoni jirrelata mal-analiżi tal-proċedura. Filwaqt li ż-żjajjar tal-istudji kollha u l-validazzjoni tal-fatturi fil-konferenza ta' Ċipru kienu saru bl-involviment tal-esperti kollha (jirrappreżentaw il-livell prattiku u tal-policy), is-sawra tal-mudell tas-sistema VET kien ibbażat fuq ix-xogħol ta' grupp iżgħar ta' esperti fil-Grupp Avviżorju ta' Proġett estiż. Għal raġunijiet prattiċi, letteratura speċjalizzata fuq sistemi ta' disinn u analiżi tirrakkomanda li, biex wieħed jilħaq qbil, xogħol ta' dan it-tip għandu jsir minn grupp żgħir, sakemm il-perspettivi relevanti huma rappreżentati. Madankollu, filwaqt li l-mudell sistema kien isettjat minn tim żgħir, ir-riżultati minn dan ix-xogħol kienu ċċirkulati lill-esperti kollha għall-validazzjoni tal-aħħar.

## 5. ANALIŻI, RIŻULTATI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Qabel bdejna nibnu mudell tas-sistema VET imsejjes fuq l-istudju taż-żjajjar, kien importanti li nżidu xi ftit elementi oħra mas-sett tal-fatturi tas-suċċess, li kienu jiffukaw fuq l-istruttura, l-input u l-aspetti ta' relatar ma' proċess tal-VET. Il-bini ta' mudell għas-sistema kumplessa tal-VET, madankollu, jinħtieġ għan aħħari li lejh l-elementi kollha tas-sistema huma – jew għandhom ikunu alinejati. F'dan il-proġett dan l-għan huwa *VET ta' suċċess u tranżizzjoni għas-suq ħieles tax-xogħol għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet*. Ħafna fatturi ta' suċċess jikkontribwixxu għal dan il-għan, imma kien osservat ukoll fiż-żjajjar li hemm xi fatturi relatati mar-riżultat (outcomes) li huma, sa ċertu punt, prikundizzjonijiet għal din il-parti ewlenija. Jekk is-sistema VET tfalli milli tindirizza wieħed minn dawn il-prikundizzjonijiet, l-għan aħħari jkun diffiċli li jintlaħaq jew li jiġi sostnut.

Il-fatturi t'hawn taħt, diskussi u maqbula mill-Grupp Konsultattiv tal-Proġett, għaldaqstant kienu miżjuda mal-lista tal-fatturi tas-suċċess (il-karattri fil-parenteżi se jintużaw fid-dijagrammi matul dan il-kapitlu għal skop ta' referenza faċli):

- (A) Il-kunfidenza tat-tgħalliema li l-isfidi jistgħu jiġu mmaniġġjati;
- (B) It-tqabbil tal-ħtiġijiet tal-ħiliet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet tat-tgħalliema;
- (Ċ) Il-kunfidenza ta' min iħaddem li l-isfida minħabba SEN/diżabiltà jistgħu jiġu mmaniġġjati;
- (D) L-okkorrenza tal-vakanzi tax-xogħol f'oqsma ġeografiċi xierqa fiż-żmien meta t-tgħalliemi jkun qiegħed ifittex ix-xogħol;
- (E) It-tqabbil tal-opportunitajiet ta' xogħol u x-xewqat u l-aspettazzjonijiet tat-tgħalliemi individwali;
- (F) VET ta' suċċess u tranżizzjoni għas-suq ħieles tax-xogħol għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet.

Dan is-sett komplut ta' fatturi mbagħad ġie analizzat fir-rigward tar-relazzjonijiet kawża-effett. Il-Grupp estiż tal-Proġett Konsultattiv eżamina biss dawk il-konnessjonijiet potenzjali li għalihom iż-żjajjar tal-istudju kienu pproduċew biżżejjed evidenza. Dawn il-konnessjonijiet kienu identifikati permezz ta' kalkulazzjoni ta' korrelazzjonijiet bejn il-fatturi kollha. Fl-analiżi, il-grupp iddeċieda jekk kienx hemm relazzjoni kawża-effett, b'hekk ġie żviluppat netwerk kumpless ta' fatturi marbuta ma' xulxin li jirrifletti r-realtà ta' eżempji VET ta' suċċess osservati fiż-żjajjar tal-istudji.

Fir-rigward tad-dipendenza tal-grad tal-influwenza fattur għandu fuq fatturi oħra, jew sakemm ċertu fattur huwa influwenzat minn oħrajn, il-fatturi kollha jistgħu jiġu assenjati għal ċerti kategoriji b'karatteristiċi distinti. Pereżempju, fatturi li huma influwenzati minn ftit oħrajn, imma li għandhom influwenza fuq ħafna fatturi oħra (magħrufa bħala fatturi *attivi*) għandhom il-potenzjal li jimpattaw fuq partijiet usa' tas-sistema. Għaldaqstant huma meqjusa bħala punt ta' tluq għal intervenzjonijiet biex jinbeda tibdil fis-sistema VET. Fatturi li bilkemm jinfluwenzaw xi fattur ieħor (magħruf bħala fatturi *lenti/assorbenti*) bilkemm ikollhom impatt fuq is-sistema. Għalhekk m'għandhomx ikunu prijorità għal skop ta' intervent; aktar minn hekk huwa ssuġġerit li dan it-tip ta' fattur għandu jintuża għall-immonitorar tas-sistema, eż. billi jiġu żviluppati indikaturi xierqa li jagħmlu l-istat ta' dan il-fattur viżibbli. Din it-tip ta' informazzjoni miżjuda tintuża biex tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet effettivi wkoll – f'dak li jirrigwarda l-isforzi neċessarji għall-interventi biex titjieb is-sistema – aktar effiċjenti.

Gruppi differenti ta' stakeholders (eż. tgħalliema, staff ta' għalliema, employers) huma involuti ma' partijiet differenti tas-sistema VET kollha u, konsegwentement, dawk il-fatturi biss li jappartjenu għall-parti rispettiva tas-sistema huma ta' relevanza għalihom. Madankollu, il-mudell tas-sistema VET s'issa ma ddistingwixxiex rwoli differenti ta' stakeholders. Konsegwenza ta' hekk, il-pass li jmiss jaqsam il-mudell tas-sistema VET f'partijiet li joqogħdu tajjeb billi jiddistingwu dawn l-erba' rwoli ta' stakeholder:

- maniġers tal-istituzzjoni VET
- staff tal-VET
- tgħalliema
- employers kurrenti u futuri/rappreżentanti tas-suq tax-xogħol.

Dawn il-partijiet jipprovdu xena simplifikata tal-interrelazzjonijiet bejn fatturi, relevanti għar-rwol speċifiku ta' kull wieħed. Minħabba li dawn il-partijiet tal-mudell tas-sistema VET jirrappreżentaw ukoll fatturi ta' suċċess li kienu ripetutivament osservati fi żjajjar ta' studji, dawn jissejħu *tifsiliet*. Anness 3 huwa magħmul minn preżentazzjoni tal-fatturi li jappartjenu lil kull wieħed minn dawn l-erba' tifsiliet.

Huwa interessanti li l-fatturi jistgħu jidhru fi, jew jappartjenu għal, aktar minn waħda minn dawn it-tifsiliet. Pereżempju, il-fattur *'Il-fatt tal-ħafna timijiet multidixxiplinarji'* jidher fit-tifsila tal-immaniġġjar tal-istituzzjoni (għaliex it-timijiet għandhom jiġu mmaniġġjati), fl-edukazzjoni vokazzjonali u fit-tifsila tat-taħriġ (għax kull membru tat-tim jikkontribwixxi għall-proċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'kompetenzi speċifiċi) u t-tifsila tat-tgħalliema (għax it-tgħalliemi huwa kkonfrontat minn għadd ta' nies li huma responsabbli għal xogħlijiet differenti jew suġġetti fil-proċess tat-tgħallim).




**Figura 1 Tifsiliet VET**

L-1 Figura turi erba' tifsiliet u kif dawn jikkontribwixxu għall-ksib ta' għan tas-sistema li jkopru kollox, jiġifieri jipprovdu VET ta' suċċess u tranżizzjoni ta' impjegar għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet. Il-livell ta' policy, irrappreżentat minn ċirku fuq barra, jista' jimpatta fuq il-fatturi f'dawn it-tifsiliet. Rakkomandazzjonijiet għal-livell tal-policy jinħtieġ li jassiguraw li l-policy approprjament tallineja l-fatturi rilevanti sal-punt li kull tifsila tagħti l-aħjar sehem tagħha għall-għan tas-sistema VET.

Il-pass finali fl-analiżi għandu l-għan li jidentifika oqsma fejn rakkomandazzjonijiet huma meħtieġa biex ikomplu jtejbu l-addestrament tas-sistema. Dawn l-oqsma ssemmew f'diskussjonijiet fl-aħħar ġurnata ta' kull żjara ta' studju fejn aspetti li, fl-idea tal-esperti, kellhom il-ħtieġa ta' aktar attenzjoni ngħataw l-importanza tagħhom. L-aspetti ta' hawn taħt, marbuta ma' fatturi ta' suċċess rispettiv fis-sistema mudell, kienu identifikati f'ħafna mill-eżempji tat-28 żjara ta' studju:

*It-tifsila tal-immaniġġjar tal-istituzzjoni VET*

- It-tmexxija tal-istituzzjoni Skola/VET;
- L-immaniġġjar ta' timijiet multidixxiplinarji.

*Edukazzjoni Vokazzjonali u tifsila ta' taħriġ*

- Approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi;
- L-użu ta' pjanijiet individwali għal edukazzjoni, tgħallim, taħriġ u tranżizzjoni;
- Strateġija ta' tnaqqis ta' dropouts;
- It-tqabbil tal-ħtiġijiet ta' ħiliet tas-suq tax-xogħol u tat-tgħalliema.

*Tifsila tat-tgħalliema*

- Iffukar fuq il-ħiliet tat-tgħalliema;
- It-tqabbil ta' opportunitajiet ta' xogħol u x-xewqat individwali tat-tgħalliema u l-aspettazzjonijiet;
- Jiġu stabbiliti strutturi ta' kooperazzjoni ma' kumpanniji lokali għal taħriġ prattiku u/jew impjegar wara l-gradwazzjoni.

*Tifsila tas-suq tax-xogħol*

- Il-ħarsien tal-konnessjonijiet ma' employers/kumpanniji lokali għal taħriġ prattiku u opportunitajiet ta' xogħol ibbażati fuq fiduċja u esperjenzi mgħoddija;
- Sostenn tat-tgħalliema u l-employers fit-tranżizzjoni għas-suq ħieles tax-xogħol;
- Il-proviżjoni ta' attivitajiet li jsegwu biex isostnu l-impjiegi tat-tgħalliema fil-kumpanniji.

Kull wieħed minn dawn l-aspetti t'hawn fuq jiġi analizzat f'aktar dettall f'dawn is-sezzjonijiet. L-analiżi tiffoka fuq kull fattur identifikat li jinħtieġ aktar attenzjoni u fuq il-fatturi l-oħra kollha fit-tifsila li jew għandhom influwenza fuq, jew huma direttament influwenzati minn dak il-fattur speċifiku. Dawn il-fatturi speċifiċi huma ppreżentati f'dijagrammi[5]. Ibbażati fuq dik l-analiżi, rakkomandazzjonijiet li għandhom iċ-ċans li jtejbu s-sistema huma magħmula għal kull fattur magħżul[6].

[5] Vleġġa minn A għal B tindika li A għandha impatt fuq B. Vleġeġ grassett jindikaw impatt qawwi.

[6] Biex jiġi sostnut il-qarrej, il-fatturi kollha huma referenzjati b'numru jew karattru fil-figuri. Lista ta' fatturi ta' input, struttura u proċess hija inkluża f'Anness 2. Il-fatturi tar-riżultati (outcomes) huma elenkati f'sezzjoni 5 ta' dan ir-rapport.

Xi fatturi għandhom influwenza qawwija fuq ħafna fatturi oħra. Dawn huma magħrufa bħala fatturi *attivi* u għandhom il-potenzjal li jimpattaw fuq is-sistema kollha. L-indirizz ta' miżuri lejn dawn il-fatturi attivi għalhekk huma effiċjenti. Fatturi attivi huma mmarkati b' [+] fil-figuri. Dawn il-fatturi jissejħu fatturi *kritiċi*. Dawn għandhom ukoll impatt b'saħħtu, imma trid tingħata importanza fit-tibdil ta' dawn il-fatturi, għax dan jista' jkollu konsegwenzi numerużi, kemm mixtieqa kif ukoll mhumiex. Fatturi kritiċi huma mmarkati b' [#] fil-figuri ta' dan il-kapitlu.

## 5.1 It-tifsila tal-immaniġġjar tal-istituzzjoni VET

### *5.1.1 It-tmexxija tal-istituzzjoni Skola/VET*




**Figura 2 It-tmexxija tal-istituzzjoni Skola/VET**

### Deskrizzjoni

Tmexxija effettiva ta' skola tinħtieġ mexxejja li jħarsu 'l quddiem u li jkunu flessibbli, kif ukoll biex ibiddlu l-istruttura u t-tul tal-programmi VET biex iqabblu l-ħtiġijiet tat-tgħalliema, jekk ikun meħtieġ. Mexxejja effettivi joffru wkoll opportunitajiet ta' żvilupp professjonali għall-istaff kollu, fosthom l-għalliema, biex jassiguraw kwalità fl-edukazzjoni. Mexxejja effettivi joħolqu atmosfera fejn l-istaff huwa mmotivat u impenjat. Huma jikkontribwixxu għall-iżvilupp u t-twettiq ta' kurrikula għat-tgħalliema li jkunu individwalizzati u flessibbli, u għall-proviżjoni ta' toroq (pathways) differenti u opzjonijiet li jgħinu fl-esplorazzjoni (jiġifieri orizzontali) jew progressjoni (jiġifieri vertikali) biex ikunu jaqblu mal-ħtiġijiet tat-tgħalliema. Tmexxija effettiva tħares l-effetti pożittivi ta' timijiet multidixxiplinarji u ta' xogħol ikkoordinat f'tim. Tassigura li jiġi pprovdut sostenn lit-tgħalliema u lil min iħaddem matul il-fażi ta' tranżizzjoni fis-suq ħieles tax-xogħol.

**Rakkomandazzjonijiet**

It-tmexxija tal-iskola teħtieġ li tiżviluppa policy inklużiva, fejn id-differenzi bejn it-tgħalliema huma meqjusa bħala parti 'normali' tal-kultura edukattiva, u toħloq atmosfera ta' motivazzjoni u impenn. Tmexxija effettiva tiġi 'distribwita', billi tmur lil hinn minn approċju minn fuq għal isfel għal approċju ta' xogħol f'tim u soluzzjonar ta' problemi b'mod kollaborattiv.

Tmexxija effettiva ta' skola tibbenefika minn mexxejja li jħarsu 'l quddiem u li jkunu flessibbli biex ibiddlu l-istrutturi u t-tul tal-programmi VET biex jilħqu l-ħtiġijiet tat-tgħalliema.

### *5.1.2 L-Immaniġġjar ta' timijiet multidixxiplinarji*




**Figura 3 L-Immaniġġjar ta' timijiet multidixxiplinarji**

## Deskrizzjoni

Timijiet multidixxiplinarji għandu jkollhom staff suffiċjenti (eż. job coaches, kunsilliera tal-karrieri, mentors, eċċ.) u riżorsi li jkunu jistgħu jintlaħqu dejjem fit-tranżizzjoni u x-xogħol. L-użu ta' pjanijiet individwali għal edukazzjoni, tgħallim, taħriġ u tranżizzjoni, kif ukoll it-tħaris ta' approċċi u sostenn approprijat ta' tgħalliema u employers fil-fażi tat-tranżizzjoni fis-suq ħieles tax-xogħol ilkoll jinħtieġu timijiet multidixxiplinarji. Dawn it-timijiet, fl-istess ħin, jistgħu jsostnu l-iżvilupp u t-twettiq ta' kurrikula individwalizzati u flessibbli.

Timijiet multidixxiplinarji effiċjenti u effettivi għandhom ikunu mħarsa b'qafas legali nazzjonali/federali fuq l-edukazzjoni inklużiva fl-edukazzjoni sekondarja/ogħla u biex jipprovdi s-sostenn mistħoqq għall-iskejjel u/jew lit-tgħalliema u lill-ġenituri. Il-qafas legali għandu wkoll jara li l-istituzzjonijiet VET joffru livelli differenti ta' apprendistat b'kurrikula differenti, li jwasslu għal livelli ta' kwalifiki differenti.

## Rakkomandazzjonijiet

Timijiet multidixxiplinarji bi rwoli ċari li jadottaw l-approċċju ta' ħidma f'tim u jikkoperaw b'komunikazzjoni interna ta' livell għoli (ikkowċjar ta' koetanji, diskussjonijiet informali, soluzzjonar ta' problemi b'mod kollaborattiv, eċċ.) u komunikazzjoni esterna u servizzi oħra.

Biex jiġi sostnut ix-xogħol multidixxiplinarju f'tim, ikun ta' benefiċċju li jkollok staff b'kompetenzi u expertise li jiżviluppa pjanijiet individwali, jieħu ħsieb approċċi ċċentrati fuq it-tgħalliemi u jsostni tgħalliema u employers fil-fażi tat-tranżizzjoni.

Ix-xogħol ta' timijiet multidixxiplinari jeħtieġ li jkun sostnut minn qafas legali ċar nazzjonali/federali fuq l-edukazzjoni inklużiva li jwassal għal:

- Għanijiet nazzjonali fuq l-edukazzjoni inklużiva;
- Sostenn adekwat u proviżjoni relatata ma' tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet;
- Deċentralizzazzjoni ta' responsabiltajiet;
- Flessibiltà li tagħti lok għal apprendistati, kurrikula u livelli ta' kwalifika, kif ukoll sostenn ta' approċċi li jkunu ċċentrati fuq it-tgħalliemi.

## 5.2 Edukazzjoni Vokazzjonali u tifsila ta' taħriġ

### *5.2.1 Approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi*




**Figura 4 Approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi**

## Deskrizzjonijiet

Approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi għandhom jiġu mħarsa bit-twettiq ta' qafas legali fuq l-edukazzjoni inkluživa li tassigura s-sostenn meħtieġ għal skejjel u/jew tgħalliema u ġenituri. Dan huwa wkoll ta' benefiċċju jekk istituzzjonijiet VET jitħallew joffru livelli differenti ta' apprendistati b'kurrikula differenti, li jwasslu għal livelli differenti ta' kwalifiki. Biex jiġu mwettqa approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi, sostenn suffiċjenti għandu jiġi pprovdut għal staff edukattiv biex jgħinhom jilħqu l-ħtiġijiet tat-tgħalliema.

Approċji ċċentrati fuq it-tgħalliema jinfluwenzaw u huma influwenzati minn diversi fatturi, bħalma huma:

- l-użu ta' metodi u approċji ta' tagħlim innovattiv;
- it-twettiq ta' kurrikula individwalizzati u flessibbli;
- li jkun hemm għalliem adatt : tgħalliemi u staff ta' sostenn : proporzjonalità mat-tgħalliemi;
- il-flessibiltà ta' opportunitajiet VET u korsijiet li jgħinu biex ikun hemm progress minn livell għal ieħor;
- il-kontribuzzjoni ta' azzjonijet li jipprevjenu jew inaqqsu d-dropouts;
- is-sostenn ta' atmosfera ta' impenn, ħarsien u appartenenza.

Approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi jimpattaw ukoll fuq l-iżvilupp ta' ħiliet soċjali u prattiċi ta' approċji ta' tgħallim u sostenn ta' foku fuq il-kapaċitajiet tat-tgħalliema. Barra minn hekk, l-adattazzjoni ta' metodi pedagoġiċi u tekniki fi skejjel u kumpanniji u l-użu ta' pjanijiet individwali huma influwenzati minn approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi.

Approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi jimpattaw fuq taħriġ prattiku sorveljat f'kumpanniji qabel it-tluq mill-iskola u fuq mudell ta' impjegar sostnut b'livelli ta' sostenn progressivament dejjem jonqos. Għalhekk huma jikkontribwixxu għall-korrelazzjoni bejn l-opportunitajiet ta' xogħol u x-xewqat individwali tat-tgħalliema u l-aspettazzjonijiet u l-korrelazzjoni bejn il-ħtiġijiet ta' ħiliet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet tat-tgħalliemi. Fl-aħħar, huma jikkontribwixxu għal żieda fil-kunfidenza li l-isfidi jistgħu jiġu mmaniġġjati u fl-aħħar għal VET li jkun suċċess u tranżizzjoni għal suq ħieles tax-xogħol għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet.

**Rakkomandazzjonijiet**

Approċji li jkunu ċċentrati fuq it-tgħalliemi fir-rigward ta' ppjanar, l-issettjar ta' miri u disinn ta' kurrikulu għandhom jintużaw fil-proċess tat-tgħallim VET, biex b'hekk il-kurrikulu, il-metodi pedagoġiċi u l-materjali u l-metodi ta' assessjar u l-miri jitfasslu għall-ħtiġijiet individwali.

Il-ħarsien ta' approċji li jkunu ċċentrati fuq it-tgħalliemi jibbenefikaw minn:

- l-użu innovattiv ta' metodi ta' tagħlim u materjali, kif ukoll kurrikula individwalizzati u flessibbli;
- il-provediment ta' taħriġ prattiku b'solveljar u l-offerta ta' mudelli ta' impjegar sostnut fil-kumpanniji;
- it-tqabbil ta' ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol u opportunitajiet ta' xogħol u l-ħiliet tat-tgħalliemi, xewqat u aspettazzjonijiet.

## 5.2.2 *L-użu ta’ pjanijiet individwali għal edukazzjoni, tgħallim, taħriġ u tranżizzjoni*




**Figura 5 L-użu ta’ pjanijiet individwali għal edukazzjoni, tgħallim, taħriġ u tranżizzjoni**

### Deskrizzjoni

L-użu ta’ pjanijiet individwali għal edukazzjoni, tgħallim, taħriġ u tranżizzjoni huwa mħares bit-twettiq ta’ qafas legali. Dan il-qafas għandu jinkludi foku fuq l-edukazzjoni inklużiva, l-assigurazzjoni li s-sostenn meħtieġ jingħata lill-iskejjel, it-tgħalliema u l-ġenituri u li l-istituzzjonijiet VET jitħallew joffru livelli differenti ta’ apprendistati b’kurrikula differenti, li jwasslu għal livelli differenti ta’ kwalifiki. L-użu effettiv ta’ pjanijiet individwali huwa influwenzat mill-użu ta’ metodi ta’ tagħlim innovattiv u approċji u billi joffru mudelli ta’ impjegar sostnut. L-iżvilupp u t-twettiq ta’ kurrikula individwali, flessibbli, il-proviżjoni ta’ sostenn suffiċjenti għall-istaff edukattiv biex ilaħħaq mal-ħtiġijiet tat-tgħalliema u l-ħarsien ta’ approċji ċċentrati fuq it-tgħalliema jimpattaw ukoll fuq l-użu ta’pjanijiet individwali.

Il-pjanijiet individwali jinħtieġu għalliem kwalifikat : proporzjonalità mat-tgħalliema, staff ta’ sostenn adatt : proporzjonalità mat-tgħalliema u flessibiltà fl-opportunitajiet/korsijiet VET biex jgħinu fil-progress minn livell għal ieħor. Il-pjanijiet individwali jimpattaw ukoll fuq dawn il-fatturi. Pjanijiet bħal dawn jikkontribwixxu wkoll lejn is-sostenn ta’ bilanċ tajjeb bejn is-suġġetti teoretiċi u t-taħriġ prattiku, l-iffukar fuq il-ħiliet tat-tgħalliema u l-użu ta’ approċji hands-on/prattiċi, ta’ tgħallim awtentiku, u l-azzjonijiet biex jipprevjenu jew inaqqsu d-dropouts. L-użu ta’ pjanijiet individwali jimpatti fuq l-adattazzjoni ta’ metodi u tekniki pedagoġiċi, fuq taħriġ prattiku sorveljat f’kumpannija u fuq is-sostenn ta’ tgħalliema u employers waqt il-fażi tranżitorja u lil hinn biex jiġi sostnut l-impjegar tat-tgħalliema f’kumpanniji.

Fuq in-naħa tar-riżultati (outcome), l-użu ta' pjanijiet individwali jikkontribwixxi biex iqabbel bejn opportunitajiet ta' xogħol u x-xewqat u l-aspettazzjonijiet individwali tat-tgħalliema u biex jitqabblu l-ħtiġijiet tal-ħiliet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet tat-tgħalliema. Fl-aħħar, huma jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal kunfidenza dejjem tiżdied ta' tgħalliema li l-isfidi jistgħu jiġu mmaniġġjati u fl-aħħar għal VET b'suċċess u t-tranżizzjoni għas-suq ħieles tax-xogħol.

**Rakkomandazzjonijiet**

Il-proċess tat-tgħallim jeħtieġ approċji flessibbli li jgħinu fl-iżvilupp u t-twettiq ta' pjanijiet individwali. Pjan tajjeb jinforma u jkun infurmat b'approċju ta' tim multidixxiplinarju. Dan huwa dokument li faċli tuża li jiġi rivedut b'mod regolari u żviluppat dejjem aktar minn dawk kollha involuti. It-tgħalliema huma involuti mill-bidu fil-proċess tal-ippjanar individwali u l-vuċijiet tagħhom jinstemgħu l-ħin kollu.

L-użu ta' pjanijiet individwali huma sostnuti:

- bit-twettiq ta' kurrikula individwalizzati u flessibbli, u l-ħarsien ta' approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi;
- bis-sostenn ta' tgħalliema u employers waqt il-fażi tat-tranżizzjoni u l-provediment ta' attivitajiet li jsegwu;
- bit-tqabbil ta' ħiliet tas-suq tax-xogħol u l-opportunitajiet tax-xogħol u l-ħiliet, ix-xewqat u l-aspettazzjonijiet tat-tgħalliema.

### *5.2.3 Strateġija ta' tnaqqis ta' dropouts*




**Figura 6 Strateġija ta' tnaqqis ta' dropouts**

## Deskrizzjoni

L-att tal-evitar u t-tnaqqis tad-dropouts jinfluwenzaw u jiġu influwenzati mill-użu ta' metodi u approċji innovattivi ta' tagħlim, l-użu ta' pjanijiet individwali u l-ħarsien ta' approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi. L-iffukar fuq il-ħiliet tat-tgħalliema wkoll jikkontribwixxi fuq l-evitar u t-tnaqqis tad-dropouts.

L-evitar tad-dropouts, min-naħa l-oħra, jikkontribwixxi għal iffukar fuq l-approċji ta' tgħallim prattiku li jinkludi wkoll suġġetti teoretiċi/akkademiċi u jsostni bilanċ tajjeb bejn is-suġġetti teoretiċi u t-taħriġ prattiku. Jikkontribwixxi wkoll għal taħriġ prattiku sorveljat fil-kumpanniji u għal mudell ta' impjegar sostnut b'livelli ta' sostenn li jitnaqqas progressivament. L-azzjonijiet tal-evitar tad-dropouts jinħtieġ riżorsi u għalhekk impatt ukoll fuq is-sostenn tal-istaff : proporzjonalità mat-tgħalliema.

**Rakkomandazzjonijiet**

L-istituzzjoni Skola/VET jeħtieġ li tieħu azzjonijiet edukattivi preventivi kontra d-dropouts f'kooperazzjoni mill-qrib ma' servizzi soċjali lokali u li tiżviluppa l-miżuri neċessarji biex b'hekk it-tgħalliema li ma jibqgħux juru interess isibu alternattivi ġodda.

Azzjonijiet effiċjenti għall-evitar jew it-tnaqqis fl-għadd ta' dropouts jibbenefikaw minn:

- l-użu innovattiv ta' metodi ta' tagħlim, approċji ta' tgħallim prattiku u pjanijiet individwali;
- l-iffukar fuq il-ħiliet tat-tgħalliema u l-ħarsien ta' approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi.

### *5.2.4 It-tqabbil tal-ħtiġijiet ta' ħiliet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet tat-tgħalliema*




**Figura 7 It-tqabbil ta' ħtiġijiet ta' ħiliet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet tat-tgħalliema**

## Deskrizzjoni

Tqabbil approprju bejn il-ħtiġijiet ta' ħiliet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet tat-tgħalliema huwa fattur ta' riżultat (outcome), influwenzat minn għadd ta' fatturi oħra. Pereżempju, l-adattazzjoni ta' metodi u tekniki fl-iskola u fil-kumpannija, kif ukoll il-provediment suffiċjenti ta' sostenn ta' staff edukattiv biex iqabbel mal-ħtiġijiet tat-tgħaliema, għandu impatt fuq din il-korrelazzjoni. Bl-istess mod, is-sostenn ta' bilanċ bejn is-suġġetti teoretiċi/akkademiċi u t-taħriġ prattiku u l-użu ta' metodi ta' tagħlim innovattiv u l-approċji lkoll jinfluwenzaw it-tqabbil ma' xulxin tal-ħtiġijiet tal-ħiliet. Il-proviżjoni ta' taħriġ prattiku fil-kumpanniji, l-offerta ta' mudelli ta' impjegar, il-proviżjoni ta' attivitajiet li jsegwu biex isostnu l-impjegar tat-tgħalliema fil-kumpanniji u l-iffukar fuq il-ħiliet tat-tgħalliema lkoll jinfluwenza wkoll din il-korrelazzjoni. L-iżviluppar u t-twettiq ta' kurrikula individwalizzati u flessibbli jikkontribwixxu biex ikun hemm qbil bejn il-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xogħol u l-ħiliet tat-tgħalliema.

Il-ħarsien ta' approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi u l-użu ta' pjanijiet individwali għall-edukazzjoni, it-tgħallim, it-taħriġ u t-tranżizzjoni lkoll jinfluwenzaw u huma influwenzati mill-korrelazzjoni bejn il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet tat-tgħalliema.

Fl-aħħar, it-tqabbil bejn il-ħiliet tat-tgħalliema mal-ħtiġijiet tal-ħiliet tas-suq tax-xogħol iżid l-kunfidenza tat-tgħalliemi fih innifsu; jikkontribwixxi għall-korrelazzjoni bejn l-opportunitajiet tax-xogħol u x-xewqat u l-aspettazzjonijiet; u jikkontribwixxi wkoll għal VET suċċess u t-tranżizzjoni għas-suq ħieles tax-xogħol għat-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet.

**Rakkomandazzjonijiet**

Il-programmi/korsijiet VET jeħtieġ li jiġu studjati perjodikament, kemm internament (eż. billi jiġu vvalidati ma' analiżijiet riċenti tas-suq tax-xogħol) u/jew esternament (eż. l-aġenziji nazzjonali) bil-għan li jiġu adattati għal ħiliet kurrenti u tal-futur.

Biex ikun hemm qbil bejn il-ħtiġijiet tal-ħiliet tas-suq u l-ħiliet tat-tgħalliemi huwa ta' benefiċċju li:

- jintużaw metodi ta' tagħlim innovattiv u li jitwettqu kurrikula individwalizzati u flessibbli b'iffukar fuq il-ħiliet tat-tgħalliema;
- isir taħriġ prattiku sorveljat, jiġu offruti mudelli ta' impjegar sosnut u jiġu pprovduti attivitajiet ta' segwitu biex isostnu l-impjegabiltà tat-tgħalliema fil-kumpanniji.

## 5.3 Tifsila tat-tgħalliema

### *5.3.1 Iffukar fuq il-ħiliet tat-tgħalliema*




**Figura 8 Iffukar fuq il-ħiliet tat-tgħalliema**

## Deskrizzjoni

L-iffukar fuq il-ħiliet tat-tgħalliema huwa sostnut b'qafas legali f'postu li jħalli lill-istituzzjoni VET toffri livelli differenti ta' apprendistat b'kurrikula differenti, li jwasslu għal livelli ta' kwalifiki differenti, u li għandhom timijiet multidixxiplinarji u mexxejja u staff, immotivati u impenjati.

Il-foku tal-ħiliet tat-tgħalliema jinkludi l-assessjar tat-tgħalliemi qabel jibda l-korsijiet biex ifassal il-programm VET għall-individwu; il-ħarsien ta' approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi; u l-adattament ta' metodi pedagoġiċi u tekniki fl-iskejjel u fil-kumpanniji. Dan għandu impatt ukoll fuq is-sosteniment tat-tgħalliemi u l-employers waqt il-fażi ta' tranżizzjoni fis-suq

ħieles tax-xogħol; biex jaħdem bil-għan li jipprevjeni u jnaqqas id-dropouts; u biex jieħu ħsieb il-flessibiltà fl-opportunitajiet/korsijiet VET bil-għan li jiġi ffaċilitat il-progress minn livell għal ieħor.

Għadd ta' fatturi jinfluwenzaw u huma influwenzati bl-iffukar fuq il-ħiliet tat-tgħalliema: il-bidla tal-istruttura u t-tul tal-programmi VET jekk ikun meħtieġ; il-proviżjoni ta' toroq (pathways) differenti; u opzjonijiet li jwasslu għall-esplorazzjoni (jiġifieri orizzontali) jew progressjoni (jiġifieri vertikali); ix-xogħol ta' fażijiet prattiċi sorveljati, li huma obbligatorji għat-tgħalliema kollha u li jsiru biżżejjed qabel wieħed jispiċċa l-iskola; u l-użu ta' pjanijiet individwali għall-edukazzjoni ta' tgħallim, taħriġ jew tranżizzjoni. Iffukar fuq il-kapaċitajiet tat-tgħalliema fl-aħħar jgħin biex ikun hemm żieda fil-kunfidenza tat-tgħalliema nfushom li jibdew iqisu l-isfidi tal-proċess tal-futur bħala li jistgħu jintrebħu.

**Rakkomandazzjonijiet**

Jinħtieġ li l-istaff kollu jqiegħed il-ħiliet tat-tgħalliema kollha fiċ-ċentru tal-approċji tagħhom u jaraw opportunitajiet aktar milli sfidi. Għandhom jiffukaw fuq dak li t-tgħalliema *jistgħu* jagħmlu, mhux fuq dak li huma *ma jistgħux* jagħmlu, u li jwasslu biex it-tgħalliema kollha jħossuhom aktar kunfidenti u assertivi.

L-iffukar fuq il-ħiliet tat-tgħalliema jwassal għal benefikar minn:

- qafas legali li jagħti lok għal varjetà ta' apprendistati, kurrikula u livelli ta' kwalifiki u l-ħila li jitbiddlu l-istruttura u t-tul tal-programmi VET;
- it-twettiq ta' toroq (pathways) differenti fil-programmi;
- staff impenjat u timijiet multidixxiplinarji li jadottaw metodi u tekniki pedagoġiċi;
- l-użu ta' pjanijiet individwali;
- il-proviżjoni ta' fażijiet prattiċi sorveljati u s-sostenn ta' employers u tgħalliema fil-fażi tat-tranżizzjoni.

### *5.3.2 It-tqabbil ta' opportunitajiet ta' xogħol u x-xewqat individwali tat-tgħalliema u l-aspettazzjonijiet*




**Figura 9 It-tqabbil ta' opportunitajiet ta' xogħol u x-xewqat individwali tat-tgħalliema u l-aspettazzjonijiet**

## Deskrizzjoni

Il-korrelazzjoni bejn l-opportunitajiet ta' xogħol u x-xewqat u l-aspettazzjonijiet individwali tat-tgħalliema hija riżultat (outcome) ċentrali fis-sistema VET. Din hija stabbilita billi tipprovdi sostenn suffiċjenti lill-istaff edukattiv biex ilaħħaq mal-ħtiġijiet tat-tgħalliema, ibiddel l-istruttura u t-tul tal-programm VET jekk ikun meħtieġ u jipprovdi toroq differenti u opzjonijiet li jwasslu għal esplorazzjoni (jiġifieri orizzontali) jew progressjoni (jiġifieri vertikali). Fatturi ta' riżultati (outcome) oħra jimpattaw ukoll fuq din il-korrelazzjoni: tqabbil bejn il-ħtiġijiet tal-ħiliet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet tat-tgħalliema, il-kunfidenza tat-tgħalliema li l-isfidi jistgħu jiġu mmaniġġjati u l-okkorrenza tal-vakanza tax-xogħol hekk kif it-tgħalliemi jkun qiegħed ifittex ix-xogħol. Anke l-għan tas-sistema VET b'suċċess u t-tranżizzjoni għas-suq ħieles tax-xogħol jimpatta fuq dan il-fattur.

Il-korrelazzjoni bejn l-opportunitajiet tax-xogħol u x-xewqat u l-aspettazzjonijiet individwali tat-tgħalliema jinfluwenzaw u huma influwenzati billi jiġu ssalvagwardjati approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi u l-użu ta' pjanijiet individwali. It-tqabbil ta' opportunitajiet ta' xogħol u x-xewqat tat-tgħalliema jimpattaw ukoll fuq il-motivazzjoni u l-impenn tal-mexxejja u l-istaff u għalhekk fuq atmosfera awtentika ta' impenn, ħarsien, appartenenza u attitudnijiet pożittivi li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' opportunitajiet ugwali.

**Rakkomandazzjonijiet**

Is-suċċess fil-VET u t-tranżizzjoni għas-suq ħieles tax-xogħol mhumiex possibbli jekk ix-xewqat u l-aspettazzjonijiet tat-tgħalliemi ma jingħatawx kashom. Dawn ix-xewqat u l-aspettazzjonijiet jinħtieġ li jiġu rrispettati u riflessi f'kull pass fil-proċess tat-tranżizzjoni.

Biex inqabblu opportunitajiet ta' xogħol u x-xewqat u l-aspettazzjonijiet tat-tgħalliema, ikun ta' benefiċċju jekk:

- nallinejaw programmi b'tali mod li dawn jindirizzaw ħiliet li huma meħtieġa bħalissa jew li dalwaqt ikunu meħtieġa fuq is-suq reġjonali tax-xogħol;
- insostnu l-approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi permezz tal-programmi VET kollha, sostnuti bi pjanijiet individwali;
- nipprovdu opzjonijiet VET reali għat-tgħalliema biex jagħżlu minn (eż. toroq differenti, livelli ta' kwalifiki, tulijiet ta' programmi);
- nipprovdu s-sostenn tal-istaff meħtieġ biex b'hekk dawn l-opzjonijiet jistgħu jiġu rrealizzati;
- ngħollu l-kunfidenza tat-tgħalliema li l-isfidi fil-proċess sħiħ jista' jiġi mmaniġġjat.

### *5.3.3 Jiġu stabbiliti strutturi ta' kooperazzjoni ma' kumpanniji lokali għal taħriġ prattiku u/jew impjegar wara l-gradwazzjoni*




**Figura 10 Jiġu stabbiliti strutturi ta' kooperazzjoni ma' kumpanniji lokali għal taħriġ prattiku u/jew impjegar wara l-gradwazzjoni**

## Deskrizzjoni

It-twaqqif ta' strutturi ta' kooperazzjoni mal-kumpanniji lokali għal taħriġ prattiku u/jew impjegar wara l-gradwazzjoni jinħtieġ staff (eż. job coaches, kunsillieri ta' karrieri, mentors, eċċ.) u riżorsi li jkunu dejjem hemm għal skop ta' tranżizzjoni u xogħol. Dan il-fattur huwa influwenzat mill-adattazzjoni ta' metodi u tekniki pedagoġiċi fl-iskejjel u l-kumpanniji. Dawn l-istrutturi ta' kooperazzjoni jimpattaw fuq il-bini ta' proċeduri li jassiguraw li l-korsijiet, l-assessjar u ċ-ċertifikati jitfasslu skont il-ħtiġijiet tas-suq kurrenti u tal-futur u jikkontribwixxu għal VET suċċess u t-tranżizzjoni għas-suq ħieles tax-xogħol għat-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet.

## Rakkomandazzjonijiet

L-istituzzjoni VET għandha bżonn tiżviluppa partnerships u strutturi ta' nnetwerkjar ma' ġemgħa ta' employers lokali biex jassiguraw kooperazzjoni mill-qrib fir-rigward ta' taħriġ prattiku sorveljat u s-sejbien ta' xogħol wara l-gradwazzjoni.

Dawn l-istrutturi ta' kooperazzjoni jibbenefikaw minn:

- Adattazzjoni pedagoġika ta' metodi/tekniki fil-kumpanniji;
- Biżżejjed staff u riżorsi li huma hemm il-ħin kollu fil-ħin tat-tranżizzjoni u x-xogħol.

## 5.4 Tifsila tas-suq tax-xogħol

### *5.4.1 Il-ħarsien tal-konnessjonijiet ma' employers/kumpanniji lokali għal taħriġ prattiku u opportunitajiet ta' xogħol ibbażati fuq fiduċja u esperjenzi mgħoddija*




**Figura 11 Il-ħarsien tal-konnessjonijiet ma' employers/kumpanniji lokali għal taħriġ prattiku u opportunitajiet ta' xogħol ibbażati fuq fiduċja u esperjenzi mgħoddija**

### Deskrizzjoni

Bil-għan li nieħdu ħsieb il-konnessjonijiet ma' employers/kumpanniji lokali bbażati fuq il-fiduċja u esperjenza passata, jeħtieġ li jiġu stabbiliti strutturi kooperattivi għal taħriġ prattiku u/jew impjegar wara l-gradwazzjoni. Esperjenzi pożittivi ta' VET suċċess u tranżizzjoni għas-suq ħieles tax-xogħol jikkontribwixxu wkoll biex isaħħu dawn il-konnessjonijiet u jikkontribwixxu għal bini ta' partnerships formalizzati, kooperazzjoni u nnetwerkjar ma' stakeholders u servizzi. Fatturi oħra jirrelataw ma' xogħol flimkien, kollaborazzjoni b'saħħitha, innetwerkjar tajjeb u spirtu miftuħ ta' kooperazzjoni dwar il-proviżjoni ta' taħriġ prattiku sorveljat fil-kumpanniji, bis-sostenn għat-tgħalliema u l-employers waqt il-fażi tat-tranżizzjoni għas-suq ħieles tax-xogħol. Dawn il-konnessjonijiet ma' employers jinfluwenzaw ukoll mudell ta' impjegar sostnut li joffri t-tnaqqis gradwali fl-intensità tas-sostenn u l-proviżjoni ta' attivitajiet li jsegwu biex isostnu t-tħaddim tat-tgħalliema.

### Rakkomandazzjonijiet

L-istituzzjoni skola/VET teħtieġ li tistabbilixxi u ssostni konnessjonijiet reżiljenti ma' employers lokali tul iż-żmien. Dawn il-konnessjonijiet huma mibnija fuq il-kunfidenza dejjem tikber ta' kumpanniji li jirċievu s-sostenn adekwat kull meta jkollhom bżonnu matul il-proċess.

Il-ħarsien ta' konnessjonijiet ma' employers lokali hu ta' benefiċċju għax:

- inkunu formalment stabbilixxejna strutturi ta' kooperazzjoni li jintużaw għal taħriġ prattiku u opportunitajiet ta' xogħol;
- ikollna biżżejjed ħin għal esperjenzi pożittivi fuq iż-żewġ naħat fit-taħriġ prattiku u t-tranżizzjoni ta' suċċess biex jiġu miġbura.

### *5.4.2 Sostenn tat-tgħalliema u l-employers waqt il-fażi tat-tranżizzjoni fis-suq ħieles tax-xogħol*




**Figura 12 Sostenn tat-tgħalliema u l-employers waqt il-fażi tat-tranżizzjoni fis-suq ħieles tax-xogħol**

## Deskrizzjoni

Is-sosteniment ta' tgħalliema u employers waqt il-fażi tat-tranżizzjoni fis-suq ħieles tax-xogħol jinħtieġ staff bħal job coaches, kunsillieri tal-karriera jew mentors, u riżorsi li huma dejjem hemm fi żmien it-tranżizzjoni u fix-xogħol.

Is-sostenn tat-tgħalliema u l-kumpanniji huwa influwenzat mill-adattazzjoni tal-metodi u t-tekniki pedagoġiċi; il-proviżjoni ta' taħriġ prattiku sorveljat fil-kumpanniji żmien biżżejjed qabel wieħed jispiċċa l-iskola; u mudelli ta' impjegar sostnut li joffri r-riduzzjoni fl-intensità tas-sostenn. Il-ħarsien ta' konnessjonijiet ma' employers/kumpanniji lokali għal taħriġ prattiku u opportunitajiet ta' xogħol ibbażat fuq fiduċja u esperjenza passata huwa fattur influwenti ieħor.

Barra minn hekk, is-sostenn tat-tgħalliema u l-employers jikkontribwixxi għall-użu ta' pjanijiet individwali, il-ħarsien ta' staff ta' sostenn f'postu; il-proporzjonalità mat-tgħalliema, il-formazzjoni ta' partnerships formalizzati, il-kooperazzjoni u l-istrutturi ta' innetwerkjar, u l-proviżjoni ta' attivitajiet li jsegwu biex isostnu l-impjieg tat-tgħalliema fil-kumpanniji. Fl-aħħar, is-sostenn tat-tgħalliema jikkontribwixxi għal żieda fil-kunfidenza tat-tgħalliema fihom infushom u t-twemmin li l-isfidi jistgħu jiġu mmaniġġjati u li jwasslu għal VET suċċess u t-tranżizzjoni fis-suq ħieles tax-xogħol għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet.

**Rakkomandazzjonijiet**

It-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieġ tinħtieġ li tkun sostnuta minn sostenn adekwat fil-fażi tat-tranżizzjoni. Kunsillieri/uffiċjali ta' karriera għandhom jinfurmaw lit-tgħalliema dwar il-possibiltajiet ta' impjegar, isostnuhom b'applikazzjonijiet ta' xogħol, jinfurmaw u jsostnu lill-employers u jiffaċilitaw il-kuntatt bejn iż-żewġ partijiet.

Biex ikunu jistgħu adekwatament isostnu lit-tgħalliema u lill-employers waqt il-fażi tat-tranżizzjoni jkun ta' benefiċċju li:

- jinżammu konnessjonijiet tajbin mal-employers lokali;

- jiġu offruti taħriġ prattiku u mudell ta’ impjegar sostnut;
- ikun hemm staff u riżorsi preżenti l-ħin kollu fit-tranżizzjoni u fix-xogħol;
- jiġu adatti metodi u tekniki pedagoġiċi jekk ikun hemm bżonn u jiġu mwettqa fil-prattika pjanijiet individwali.

### *5.4.3 Il-proviżjoni ta’ attivitajiet li jsegwu biex isostnu l-impjieg tat-tgħalliema fil-kumpanniji*




**Figura 13 Il-proviżjoni ta’ attivitajiet li jsegwu biex isostnu l-impjieg tat-tgħalliema fil-kumpanniji**

### Deskrizzjoni

Biex nipprovdu attivitajiet li jsegwu biex insostnu l-impjieg tat-tgħalliema fil-kumpanniji hemm bżonn li jkun hemm staff u riżorsi li jkunu dejjem hemm fit-tranżizzjoni u fix-xogħol. Metodi u tekniki pedagoġiċi adatti fl-iskejjel u l-kumpanniji u l-użu ta’ pjanijiet individwali huma meħtieġa. Attivitajiet li jsegwu jistgħu jibnu fuq konnessjonijiet ma’ employers/kumpanniji lokali għal taħriġ prattiku u opportunitajiet ta’ xogħol, il-proviżjoni ta’ taħriġ prattiku sorveljat fil-kumpanniji u mudelli ta’ impjegar sostnut li joffri tnaqqis gradwali fl-intensità tas-sostenn.

Attivitajiet li jsegwu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta’ ħiliet soċjali u l-istat tajjeb tat-tgħalliema, lill-formazzjoni ta’ partnerships formalizzati, l-istrutturi tal-kooperazzjoni u l-innetwerkjar ma’ stakeholders u servizzi, u l-korrelazzjoni bejn ħtiġijiet ta’ ħiliet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet tat-tgħalliema. Barra minn hekk, attivitajiet approprijati li jsegwu jikkontribwixxu għal żieda fil-kunfidenza tal-impjegati li l-isfidi minħabba SEN/diżabiltà jistgħu jiġu mmaniġġjati u għal VET suċċess u t-tranżizzjoni fis-suq ħieles tax-xogħol għal tgħalliema b’SEN/diżabiltà.

**Rakkomandazzjonijiet**

Biex ikollna fażi ta' tranżizzjoni b'suċċess li twassal għal xogħol sostenibbli fis-suq ħieles tax-xogħol, attivitajiet li jsegwu jeħtieġ li jsiru minn staff kompetenti għat-tul ta' żmien meħtieġ, biex ilaħħaq mal-ħtiġijiet tal-gradwati żgħażagħ u l-employers.

Il-proviżjoni ta' attivitajiet li jsegwu huma sostnuti b':

- li jkun hemm staff biżżejjed u riżorsi li jkunu jistgħu jinkisbu fiż-żmien tat-tranżizzjoni u fix-xogħol;
- iż-żamma ta' konnessjonijiet tajbin ma' employers lokali;
- it-taħriġ prattiku kif ukoll l-offerta ta' mudelli ta' impjegar sostnut fil-kumpanniji tagħhom;
- l-adattazzjoni ta' metodi/tekniki pedagoġiċi xierqa biex isostnu l-impjieg tat-tgħalliema u l-użu ta' pjanijiet individwali.

# 6. DISKUSSJONI

## Diskussjoni fuq fatturi oħra relevanti

Dawn il-fatturi kienu osservati wkoll waqt iż-żjajjar ta' studju li, għalkemm mhumiex frekwenti u ma jiffurmawx parti minn tifsila identifikata, huma ta' min jikkunsidrahom. Xi wħud mill-fatturi setgħu kienu diskussi matul żjara ta' jum, imma sussegwentement validati mill-esperti tal-proġett fil-konferenza tal-aħħar.

Dawn il-fatturi jikkumplimentaw il-fatturi ta' suċċess billi jsawru l-kundizzjonijiet favorevoli għal VET suċċess jew jindikaw oqsma li jinħtieġu aktar attenzjoni. Il-fatturi elenkati hawn taħt għalhekk għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fil-kuntest tat-twettiq u s-sosteniment ta' VET suċċess għat-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet.

### *Aspetti strutturali/input*

- Il-VET m'għandux jiffoka esklussivament fuq inklużjoni vokazzjonali, imma għandu **jieħu inkonsiderazzjoni wkoll l-inklużjoni soċjali**. Falliment fis-suċċess ta' inklużjoni soċjali b'suċċess (li tiġbor fiha l-inklużjoni vokazzjonali) twassal biex l-inklużjoni vokazzjonali ma tkunx sostenibbli. It-tgħalliema ħafna drabi jesperjenzjaw 'tranżizzjoni doppja': pereżempju minn skola għal xogħol u minn dar jew 'boarding school' għal għixien indipendenti. Suċċess fi tranżizzjoni waħda jista' jinkiseb biss billi jiġi assigurat suċċess f'oħra. Il-programmi għaldaqstant għandhom jassiguraw il-progress tat-tgħalliema fir-rigward ta' għixien indipendenti, ċittadinanza, kwalità ta' relazzjonijiet, attivitajiet ta' ħin ħieles, eċċ.
- Huwa importanti li wieħed jilħaq **il-bilanċ tajjeb bejn il-flessibiltà u l-istandardizzazzjoni** ta' programmi u proċeduri. Filwaqt li ħafna flessibiltà tista' twassal għal impredikabiltà u t-tnaqqis fil-kwalità tal-proviżjoni, standardizzazzjoni riġida żżejjed tista' twassal biex ma jirnexxilhiex tindirizza l-ħtiġijiet tat-tgħalliema individwali.
- L-istabilizzazzjoni tar-**rabta bejn it-tgħalliema u l-kumpanniji/employers** hija fattur importanti ieħor li jissalvagwardja t-tranżizzjoni minn VET għas-suq tax-xogħol. Approċju partikolari li għandu jissemma f'dan il-kuntest huwa li jkollna kuntratti ta' apprendistat bejn il-kumpanniji u t-tgħalliema, b'remunerazzjoni suffiċjenti u xierqa li tivvalorizza l-isforzi tat-tgħalliemi u l-addestrament tax-xogħol, filwaqt li fl-istess ħin twassal lit-tgħalliema biex jgħixu indipendenti kemm jista' jkun u biex jimxu fejn ikun hemm ix-xogħol (mobiltà vokazzjonali).
- Għalkemm xi pajjiżi għandhom is-sistema tal-kwota li tinħtieġ employers biex ikollhom ċertu persentaġġ ta' ħaddiema b'diżabiltajiet, mhuwiex ċar sa liema livell dawn is-sistemi attwalment jiffaċilitaw opportunitajiet indaqs għal ħaddiem b'SEN. Minflok jiġu ppenalizzati l-employers li ma jilħqux din il-kwota, l-**employers** jirrakkomandaw li għandu jkun hemm aktar foku fuq il-**ħtiġijiet tagħhom għal aktar sostenn** (mhux neċessarjament finanzjarju).
- Xi pajjiżi tkellmu dwar id-diffikultajiet tagħhom biex jipprovdu **taħriġ in-service xieraq** minħabba n-numru baxx ta' parteċipanti. Fi żjajjar oħra, il-parteċipanti ddubitaw dwar kemm l-opportunitajiet fil-'post-qualification' jaqblu mal-ħtiġijiet prattiċi tal-iskejjel u l-għalliema.
- Il-kooperazzjoni ssemmiet bħala fattur ewlieni. Madankollu, xi pajjiżi kkummentaw dwar l-isfidi inerenti f'approċji ta' dan it-tip u saħqu fuq il-**ħtieġa li jiġu żviluppati**

**ħiliet biex effettivament jiġu mmaniġġjati strutturi kumplessi.** F'xi każijiet, pożizzjonijiet ġodda ġew maħluqa biex jittrattaw esklussivament ma' din il-biċċa xogħol. F'oħrajn, ir-responsabiltà kienet maqsuma bejn l-istakeholders, imma xi minn daqqiet mingħajr ma rwoli jew responsabiltajiet rispettivi jkunu definiti b'mod ċar jew mingħajr il-ħtieġa ta' kwalifiki mill-kandidati. Kien enfasizzat ukoll li l-istrutturi tal-kooperazzjoni jinħtieġu ħin jekk dawn se jkunu żviluppati b'mod approprijat.

- Xi stakeholders saħqu li **l-ko-eżistenza ta' proviżjoni speċjali u mainstream** mhijiex kuntradizzjoni, għax iż-żewġ sistemi jistgħu jsostnu waħda lil oħra. F'xi każijiet, proviżjonijiet speċjali mlew il-vojt fejn is-suq tax-xogħol ma kienx biżżejjed inklużiv jew fejn, għallinqas għal xi żmien, it-tgħalliema setgħu jirċievu edukazzjoni u taħriġ aktar iffukat, filwaqt li l-proviżjoni mainstream ipprovdiet esperjenza realistika ta' xogħol u taħriġ magħruf minn ħaddiema futuri.
- Kemm l-għalliema kif ukoll il-proviżuri tas-servizz involuti f'xi żjajjar semmew li żvantaġġ ewlieni tal-policies huwa li huma jiddeskrivu dak li l-inklużjoni *mhijiex* aktar milli dak li *hi*. **Definizzjoni ċara** jew **deskrizzjoni** ta' dak li nifhmu b'**inklużjoni** tintqies bħala li hija ta' għajnuna.
- Xi żjajjar urew il-fatt li x-xogħol f'tim multidixxiplinarju huwa iebes biex jintlaħaq minħabba l-liġijiet ristrettivi tal-protezzjoni tad-data li jipprojbixxu t-tixrik tad-data relatata mat-tgħalliemi. Qasam potenzjali għal aktar investigazzjoni hija r-regolazzjoni tal-protezzjoni tad-data f'dawk il-pajjiżi li laħqu **kompromess bejn il-problemi ta' kunfidenzjalità** u l-**użu ta' data** biex jintjiebu l-proviżjoni u l-proċessi.
- Filwaqt **li tkun għalliem** kien **ikkunsidrat bħala professjoni interessanti** f'xi pajjiżi, dan ma kienx l-istess f'pajjiżi oħra. Fiż-żewġ każijiet, is-salarji la kienu partikolarment baxxi lanqas għolja meta mqabbla ma' professjonijiet oħra. Dan jgħin ukoll fil-bini ta' allejanzi formali jew informali bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-kumpanniji/amministrazzjonijiet, eż. permezz ta' attività ta' responsabiltà soċjali korporata (CSR) jew ftehim negozjat.

*Aspetti ta' proċess*

- Saret referenza wkoll għall-assigurazzjoni li **t-tgħalliema għandhom rwol attiv** fil-proċess sħiħ tat-tgħallim, li jinkludi l-għażliet reali u individwali u t-teħid ta' deċiżjonijiet minnhom nfushom kull fejn ikun possibbli. Tista' tkun biċċa xogħol iebsa għall-ġenituri biex isibu l-bilanċ eżatt bejn li jipproteġu żżejjed lil uliedhom u li jistmaw iżżejjed il-ħiliet tat-tfal filwaqt li t-tfal tagħhom jimxu mit-tranżizzjoni minn tifel/persuna żagħżugħa għal adult, bl-ideat tagħhom fuq il-futur. Rwoli ċari u proċeduri, bis-sostenn li jista' jkollhom il-ġenituri, għandu jkun ta' benefiċċju.
- Kien innutat ukoll li xi forma ta' **mmaniġġjar ta' għerf-għarfien** għas-sosteniment u żvilupp aktar tal-għerf-għarfien tal-għalliema u l-esperjenza kienet meħtieġa. Dan jista' jinvolvi l-formazzjoni ta' sistemi għal tqassim ta' materjal u riżorsi u r-rapportaġġ fuq il-prattiċi. It-tip ta' kuntratti mogħti lill-għalliema għandu wkoll jintqies biex b'hekk ikunu jistgħu jsostnu perspettivi pożittivi ta' karriera. (eż. kuntratti permanenti, żvilupp ta' karriera, mentoring, xogħol f'tim).
- Filwaqt li l-istrateġija predominanti għat-tranżizzjoni tat-tgħalliema b'SEN/ diżabiltajiet tiffoka fuq it-taħriġ u t-tħejjija ta' dawn it-tgħalliema għax-xogħol li jkunu diġà jeżistu fis-suq tax-xogħol, xi pajjiżi rreferew għal approċji alternattivi ta' **opportunitajiet ta' ħolqien ta' xogħol.** Dan jirreferi jew għal żvilupp ta' forom ta' impjegar alternattiv (eż. intrapriżi soċjali, workshops imkenna), jew l-identifikar f'postu ta' xogħol f'kumpanniji u t-tirbit ta' dawn ix-xogħlijiet flimkien biex jinħoloq

xogħol għal tgħalliemi b'SEN/diżabiltajiet. Dan l-approċju ovvjament jiddependi mill-ħiliet tal-istakeholders involuti kollha, u dan ikun jinħtieġ li jiġi rifless fil-kwalifiki li jkun hemm, kif ukoll bħala strutturi u riżorsi approprijati.

- Il-fażijiet tranżizzjonali huma dejjem problematiċi jekk il-pass minn stadju wieħed (VET) għal ieħor (impjegabiltà) ikun mingħajr skossi. Minħabba li l-istakeholders f'dawk l-istadji jappartjenu għal sistemi differenti (eż. sistema edukattiva u pubblika jew settur privat), ir-responsabiltajiet huma wkoll limitati bl-iskop tas-sistemi rispettivi. Dħul f'xulxin (eż. billi jagħtu lill-employers 'aċċess' għas-sistema edukattiva jew billi jagħtu 'aċċess' għas-sistema edukattiva lill-ambjenti reali tax-xogħol) ikun jinħtieġ **nies u servizzi li jnaqqsu d-distakk** billi jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn is-sistemi u jassiguraw tranżizzjoni mingħajr skossi għat-tgħalliema.
- Fl-aħħar, kien osservat li għadd żgħir ta' istituzzjonijiet edukattivi, proviżuri tas-servizzi jew entitajiet amministrattivi jistgħu jipprovdu data fuq riżultati (outcomes) fir-rigward ta' VET għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet. (Id-differenzi bejn *outcome, output, effett* u *impatt* huma spjegati f'aktar dettall hawn taħt). Ħafna drabi, id-data kwantitattiva fuq l-outputs setgħet tinkiseb b'daqsxejn informazzjoni fuq l-effett jew l-impatt. Assigurazzjoni kwalitattiva għaldaqstant għandha ssib li tiffoka fuq **l-orjentazzjoni riżultat (outcome)**, għaliex din hija l-indikatur ewlieni jekk is-sistema VET u s-suq tax-xogħol fil-livell prattiku tikseb dak li jiġi ssettjat fil-livell ta' policy.

**Proposti dwar kategoriji ta' riżultati adatti**

Ir-riżultati ġeneralment huma mifhuma bħala l-prodotti li jiddisinjaw u jutilizzaw l-istrutturi/inputs partikolari u l-proċessi. It-tifsiliet diskussi hawn fuq fihom rakkomandazzjonijiet li jirrelataw ma' strutturi/input partikolari u fatturi ta' proċess. Barra minn hekk, huwa importanti li navvanzaw proposti biex nindirizzaw żewġ kwistjonijiet ewlenin:

- Liema tipi ta' riżultati huma ta' relevanza?
- Kif jistgħu r-riżultati jintużaw bl-aħjar mod possibbli biex iżidu l-fehim ta' oqsma għal aktar strutturi/input u titjib ta' proċessi?

Il-proġett VET ma kienx sar bl-intenzjoni li tinġabar xi data kwalitattiva jew kwantitattiva estensiva bħala xi forma ta' evidenza ta' xi eżempju ta' żjara ta' studju li kienet 'ta' suċċess'; lanqas ma kienet l-għażla tal-eżempji bbażata fuq il-kriterju tar-rappreżentazzjoni. Madankollu kien interessanti l-fatt li xi eżempji kienu f'qagħda li jippreżentaw riżultati oħra minn dik ta' data kwantitattiva bażika relatata mal-parteċipazzjoni tal-istudenti fil-korsijiet, it-tkomplija tal-korsijiet jew jekk sabux xogħol f'ċertu qafas ta' żmien. Ħafna policies jagħmlu għanijiet għolja, bħalma huma t-titjib tal-kwalità tal-ħajja tan-nies b'SEN/diżabiltajiet u l-ksib ta' inklużjoni sħiħa jew opportunitajiet ugwali. Madankollu, il-mod ta' assessjar ta' ksib ta' dawn l-għanijiet fil-prattika ħafna drabi jkunu bażiċi ħafna u ma jistgħux adekwatament jindirizzaw dawn il-kunċetti kumplessi.

Il-kumplessità inerenti fl-iżviluppar ta' indikaturi adatti għal kunċetti bħal dawn kienet studjata fi proġett ieħor tal-Agency[7] u għalhekk mhijiex se tiġi diskussa fid-dettall

[7] L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (ed.), 2009. *Żvilupp ta' sett ta' indikaturi – għall-edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa.* Odense u l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (ed.), 2011. *Il-Parteċipazzjoni fl-Edukazzjoni Inklużiva – Qafas għall-Iżvilupp ta' Indikaturi,* Odense.

hawnhekk. Għall-iskop ta' dan ir-rapport, madankollu, jistgħu jsiru suġġerimenti dwar l-għażla ta' riżultati partikolari minn kategoriji ta' riżultati xierqa li nsibu hawn taħt.

Il-proġett VET sar fil-kuntest ta' ċirkustanzi ekonomiċi diffiċli fl-Ewropa li affettwaw il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi miżjura. Dan juri li proġett bħal dan jista' jidentifika oqsma għal titjib u rakkomandazzjonijiet għal aktar żviluppi, imma fl-istess ħin irid ikun konxju ta' fatturi esterni li fuqhom ma jistax ikollu influwenza diretta. Għalhekk il-parteċipanti tal-proġett żammew lura milli jiddefinixxu 'b'suċċess' fil-kuntest tal-proġett f'termini ta' dak li jintqies bħala l-aktar indikatur approprju: ir-rata ta' tranżizzjoni tan-nies b'SEN/diżabiltajiet minn edukazzjoni għal impjegar. Ir-rata ta' tranżizzjoni hija mistennija li tonqos bħala riżultat ta' ċirkustanzi ekonomiċi diffiċli. Minflok, il-proġett uża definizzjoni usa' tar-riżultati u ffoka l-analiżijiet tiegħu fuq fatturi ta' strutturar/input u fatturi ta' proċess ta' kull eżempju ta' pajjiż.

Ir-riżulati osservati f'dawn iż-żjajjar ġew organizzati f'erba' kategoriji, li nsibu hawn taħt, bil-għan li niffukaw fuq aspetti partikolari li jistgħu jgħinu fl-identifikar u l-għarfien ta' suċċess fi kwalunkwe eżempju.

- It-terminu *Outputs* jirreferi, pereżempju, għal numri bħall-ammont ta' offerti ta' korsijiet VET, in-numri tal-parteċipanti tal-programmi jew gradwati.
- It-terminu *Effetti* jista' jirreferi għal tibdil osservat fit-tgħalliema (eż. iż-żieda fil-ħiliet 'soft', bidla fl-attitudni, żieda fil-kunfidenza nifsija), ir-rati ta' tranżizzjoni b'mod ġenerali (eż. fl-impjiegi fis-suq ħieles tax-xogħol, f'toroq edukattivi oħra jew f'impjiegi protetti), rati ta' tranżizzjoni f'kumpanniji fejn it-taħriġ prattiku kien sar qabel, rati ta' dropouts (u varjazzjonijiet f'dawn ir-rati bħala riżultat ta' programmi jew strutturi ġodda) jew tibdil fl-attitudnijiet ta' impjegati.
- It-terminu *impatt* jirreferi għall-perċezzjoni tat-tgħalliema, jiġifieri tibdil osservat mit-tgħalliema. Din tista' tinkludi l-livell tagħhom ta' sodisfazzjon bl-iskola, il-programm jew l-għalliema, l-indipendenza perċeputa tagħhom, l-istima personali jew il-kunfidenza nifsija, u li jħossuhom aktar stabbli, matur jew kburi bil-ksib (achievements) tagħhom.
- It-terminu *outcomes* jirreferi għal benefiċċji soċjetali usa' assoċjati mal-eżempju, bħalma huma żieda fil-kwalità tal-ħajja tat-tgħalliemi, inqas dipendenza fuq welfare soċjali u tibdil fl-attitudnijiet tas-soċjetà.

Fuq il-bażi ta' din il-kategorizzazzjoni, dawn il-proposti jistgħu jingħataw għall-għażla ta' tipi ta' riżultati xierqa:

- Data fuq outputs bħala regola tinkiseb faċilment, għaliex fil-biċċa l-kbira tagħha hija kwantitattiva u ħafna drabi tista' tinkiseb minn dipartimenti amministrattivi jew finanzjarji. Data output hija ta' relevanza għall-immaniġġjar ta' xi organizzazzjoni, eż. f'li tipprovdi tagħrif ġenerali dwar l-effiċjenza organizzattiva kurrenti (ladarba l-informazzjoni tkun aġġornata dejjem). Organizzazzjonijiet mhux immexxija tajjeb probabilment ma jkunux kapaċi jwasslu edukazzjoni vokazzjonali ta' kwalità għolja u taħriġ fit-terminu tat-tul. Huwa propost li **sett adatt ta' data relatata ma' output tista' tintgħażel biex issostni l-immaniġġjar ta' organizzazzjoni**.
- Data fuq l-effetti ta' sorsi ta' informazzjoni ta' valur biex jintjiebu l-istrateġiji organizzattivi fejn dawn l-istrateġiji huma marbuta ma' miri stratetiġi. Pereżempju, mira strateġika tista' tkun biex ittejjeb il-konnessjonijiet mal-ekonomija lokali bil-għan li jiżdiedu l-opportunitajiet ta' impjegabiltà għat-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet. L-istrateġija tat-twettiq tista' tinvolvi fażijet prattiċi fil-kumpanniji lokali.Il-ġbir ta' data fuq, pereżempju, il-persentaġġ ta' tgħalliema li marru jiffirmaw kuntratt ta' impjieg

ma' dawn il-kumpanniji jipprovdi indikatur tajjeb biex tiġi assessjati l-effettività tal-istrateġija. Huwa propost li **jiġu żviluppati indikaturi effettivi xierqa għal kull mira strateġika u li l-miri jkunu kkwantifikati bil-għan li jagħmlu l-ksib (achievement) li jintlaħaq verifijabbli** permezz ta' dawn l-indikaturi.

- It-tgħalliema huma fiċ-ċentru tal-approċji VET kollha u għandhom jingħataw rwol attiv fit-tiswir ta' ssettjar u servizz biex jiġi assigurat li dawn jilħqu l-ħtiġijiet individwali. F'dan ir-rispett, id-data fuq l-impatt tas-servizzi VET hija kruċjali biex nifhmu l-perċezzjoni tal-effetti tat-tgħalliema u l-livell tagħhom ta' sodisfazzjon ma' din il-proviżjoni. Huwa propost li **l-għodod tal-aċċessibiltà** (eż. sondaġġi, intervisti) **jiġu żviluppati**, bil-għan li **regolarment jiddeterminaw il-perċezzjonijiet tat-tgħalliema** matul is-servizz taċ-ċiklu tal-ħajja kollha – mill-bidu (admission) sat-tranżizzjoni u possibilment aktar lil hinn.
- Ir-riżultati (outcomes) jiġu viżibbli fi stadji li jiġu aktar tard wara t-twettiq ta' servizzi u ħafna drabi jkun diffiċli li konklussivament jattribwuwhom kompletament jew prinċipalment għall-eżistenza jew prestazzjoni tas-servizz. Madankollu, ir-riżultati (outcomes) jgħinu għall-verifikazzjoni ta' kemm l-għanijiet tal-policy ikunu ntlaħqu, pereżempju permezz ta' proviżjoni partikolari ta' VET. Huwa propost li **r-riżultati (outcomes) ikunu perjodikament esplorati, eż. permezz ta' studji ta' każ jew riċerka ffukata**, bil-għan li jiġi assessjat kemm l-organizzazzjoni xorta tilħaq l-għan sħiħ.

**Proposti li jirrigwardjaw l-użu tar-riżultati**

Ir-riżultati huma *s*-sors ewlieni tal-informazzjoni biex jiġi determinat jekk l-istrutturi/inputs jew proċessi ta' kwalità suffiċjenti humiex jiġu mwettqa. L-ewwel u qabel kollox, ir-riżultati għandhom jiġu *utilizzati* biex kontinwament itejbu l-issettjar u l-proċeduri. L-użu għall-pubbliċità jew għanijiet oħra għandu jkun sekondarju għal dan. L-organizzazzjonijiet VET għandhom **jistabbilixxu u jsostnu dik li tissejjaħ il-monitoring loop**, fejn ir-riżultati, fil-forom kollha tagħhom, jistgħu jiġu miġbura b'mod regolari, interpretati u użati biex jiddeterminaw it-titjib li jkun irid isir fir-rigward tal-istrutturi/input u proċessi.

Madankollu, it-tip ta' riżultat ta' data meħtieġa minn maniġer, pereżempju, tkun tiddifferixxi minn dik meħtieġa minn għalliem. Huwa, għalhekk essenzjali li **l-istakeholders kollha jiġu provduti b'riżultati li għandhom tifsira għax-xogħol partikolari tagħhom**. Biex jintlaħaq dan, ikun tajjeb li jiġu involuti l-istakeholders kollha fil-fażi inizjali tal-identifikar jew l-iżvilupp ta' data xierqa u indikaturi.

Idealment, l-**istakeholders** kollha li jiġbru data jew li **huma involuti fil-ġbir tad-data** (eż. bħala intervistatur) ikollhom **aċċess għar-riżultati u** jkunu **involuti fl-interpretazzjoni tagħhom**.

Ta' min jinnota madankollu, li l-ġbir ta' data li tagħmel sens hija dejjem akkumpanjata minn sforzi addizzjonali; organizzazzjonijiet għandhom jagħmlu **analiżi cost-benefit** bil-għan li jiġi determinat il-livell ta' ġbir ta' data li tkun meħtieġa – u li tkun aċċettabbli.

Fl-aħħar, issemmew f'xi studji ta' żjajjar li l-liġijiet tal-protezzjoni tal-privatezza tad-data jagħmluha impossibbli li tinġabar data, pereżempju, ladarba t-tgħalliema jħallu l-organizzazzjoni. F'xi pajjiżi, madankollu, anonimizzazzjoni approprijata u strateġiji ta' aggregazzjoni ta' data wasslu għal ġbir ta' data li tagħmel sens filwaqt li tirrispetta l-privatezza tan-nies li tkun tirrelata magħhom. Huwa propost li **r-riżultati essenzjali li fuqhom id-data hija meħtieġa tkun identifikata, u li data ta' dan it-tip hija neċessarja għal titjib fis-sistema VET f'livelli differenti.** Huwa rrakkomandat ukoll **li jiġu żviluppati**

**regoli ċari** mill-policy makers fuq livelli varji, inklużi esperti tal-protezzjoni tad-data, **għall-anonimizzazzjoni, l-aggregazzjoni u l-użu ta' data miġbura**.

## ANNESS 1 LISTA TA' ESPERTI

| Il-pajjiż | L-Isem tal-espert |
|---|---|
| L-Awstrija | Mr Dietmar Vollmann<br>Ms Ursula Ortner |
| Il-Belġju (Il-komunità li titkellem bil-Fjammin) | Ms Inge Placklé<br>Mr Thierry Jongen |
| Ċipru | Ms Maria Evripidou<br>Mr Kostas Pistos |
| Id-Danimarka | Mr Henrik Hedelund<br>Ms Pia Cort |
| L-Estonja | Ms Meeli Murasov<br>Ms Aile Nõupuu<br>Ms Mari Tikerpuu |
| Il-Fillandja | Ms Kaija Suorsa-Aarnio<br>Ms Tarja Mänty |
| Franza | Mr Serge Ebersold<br>Mr Rémy Leblanc |
| Il-Ġermanja | Mr Ulrich Krause<br>Ms Margit Theis-Scholz |
| Il-Greċja | Mr Anastasios Asvestas<br>Ms Chrysoula Stergiou |
| L-Irlanda | Mr Fionnbarra O'Murchu<br>Ms Emer Ring<br>Mr Rory O'Sullivan |
| L-Isvezja | Ms Marie Törn<br>Ms Eva Valtersson |
| L-Isvizzera | Ms Susanne Aeschbach<br>Ms Myriam Jost-Hurni<br>Mr Rene Stalder |
| L-Iżlanda | Ms Ragnheiður Bóasdóttir<br>Ms Thordis Olafsdóttir |
| Il-Latvja | Ms Tatjana Truscelova-Danilova<br>Ms Ilva Berzina |
| Il-Litwanja | Ms Liuda Radzeviciene<br>Ms Egle Zybartiene |
| Il-Lussemburgu | Mr Fernand Sauer<br>Ms Marie-Paule Muller |
| Malta | Mr Vincent Borg<br>Ms Maria Ciappara |
| In-Norveġja | Ms Liv Frilseth<br>Mr Bjørn Baugstø |
| L-Olanda | Mr Freerk Steendam<br>Mr Jeroen Stok |
| Il-Polonja | Mr Witold Cyron |
| Il-Portugall | Mr Luis Capucha<br>Mr Edgar Pereira |

| | |
|---|---|
| | Mr Pedro Mateira |
| Ir-Renju Unit (L-Ingilterra) | Ms Linda Jordan<br>Ms Sharon Gould |
| Ir-Renju Unit (L-Irlanda ta' Fuq) | Ms Shirley Jones |
| Ir-Renju Unit (Wales) | Mr Stephen Beyer |
| Ir-Repubblika Ċeka | Ms Vera Kovaříková<br>Ms Lucie Procházková |
| Is-Slovenja | Ms Bernarda Kokalj<br>Ms Frančiška Al-Mansour |
| Spanja | Ms María Eugenia Caldas<br>Ms Amparo Marzal |
| L-Ungerija | Ms Katalin Simon |

| | |
|---|---|
| **Il-Grupp Konsultattiv tal-Proġett** | Mr Preben Siersbaek (Id-Danimarka)<br>Ms Lucie Bauer (L-Awstrija)<br>Mr Berthold van Leeuwen (L-Olanda)<br>Ms Regina Labiniene (Il-Litwanja)<br>Ms Anabel Corral Granados (Agency)<br>Ms Victoria Soriano (Agency)<br>Ms Mary Kyriazopoulou (Agency)<br>Mr Harald Weber (Agency) |
| **Esperti esterni anzjani** | Ms Maria Hrabinska (Cedefop)<br>Mr Serge Ebersold (INSHEA) |

## ANNESS 2 LISTA TAL-FATTURI KOLLHA TAL-INPUT, L-ISTRUTTURA U L-PROĊESS

Il-fatturi kollha identifikati matul iż-żjajjar tal-istudju nsibuhom f'dan l-Anness. L-ispjegazzjonijiet (ipprovduti taħt kull fattur) huma bbażati esklussivament fuq iż-żjajjar u l-opinjonijiet tal-esperti fl-eżempji. Il-fatturi ma jirreferux għal kunċetti teoretiċi, imma pjuttost għal osservazzjonijiet li jsiru f'xi wħud jew is-26 pajjiż parteċipant kollha. L-innumerar tal-fatturi jgħin biex jiġu identifikati l-fatturi b'mod eħfef f'dan ir-rapport. Il-fatturi osservati f'ħafna miż-żjajjar tal-istudju li saru parti mill-mudell tas-sistema VET huma mmarkati b'asterisk (*).

1 *Li jkollok infrastruttura ta' kwalità għolja (eż. bini, trasport, tagħlim u materjal ta' taħriġ)*
L-ambjent fiżiku tal-iskola/VET u l-kumpanniji fejn it-tgħalliema jagħmlu t-taħriġ prattiku tagħhom kien addattat għall-ħtiġijiet tan-nies b'SEN/diżabiltajiet. Tagħmir ta' kwalità għolja u materjal ta' taħriġ (teknoloġija aġġornata, l-użu ta' IT) huma disponibbli.

2.1 *Li jkollok kapijiet ta' skejjel/diretturi u staff li jkunu motivati u impenjati**
Kapijiet ta' skejjel/diretturi u staff li jkunu motivati ħafna, impenjati, iddedikati u xi minn daqqiet miftuħin biex jesprimu l-entużjażmu tagħhom.

2.2 *Li jkollok direttur ta' skola bi tmexxija effettiva**
It-tmexxija mid-direttur tal-iskola hija effettiva u apprezzata u rrispettata. It-tmexxija distributtiva hija viżibbli u taħdem tajjeb.

2.3 *Li jkollok għalliema kwalifikati ħafna, staff u personnel ta' sostenn**
L-istaff ikun kwalifikat ħafna, jiġifieri jkollu kwalifiki formali ta' livell universitarju, kwalifiki vokazzjonali u/jew esperjenzi bbażati fuq l-industrija, b'taħriġ kontinwu/in-service jew ta' possibiltà għal aktar taħriġ flimkien ma' riżorsi umani/żvilupp professjonali.

2.4 *Li jkollok għalliema kwalifikati f'pedagoġija SEN*
L-għalliema huma kwalifikati biex jgħallmu tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet, flimkien ma' kwalifiki formali f'suġġetti speċifiċi/vokazzjonijiet tekniċi.

2.5 *Li jkollok aktar taħriġ/opportunitajiet edukattivi għall-istaff kollu, inklużi l-għalliema**
Opportunitajiet ogħla ta' taħriġ jew ta' xeħta kontinwa/in-service huma offruti lill-istaff edukattiv u ta' sostenn, inklużi l-għalliema.

2.6 *Li jkollok timijiet multidixxiplinarji**
Timijiet multidixxiplinarji jkunu stabbiliti biex jinkludu professjonisti bħala għalliema, ħarrieġa, ħaddiema soċjali, psikologi, terapisti okkupazzjonali u staff ta' sostenn.

2.7 *Li jkollok għalliem adatt : bi proporzjonalità mat-tgħalliemi**
Daqsijiet ta' klassijiet żgħar jintużaw għaliex dawn huma pożittivi għat-tgħallim. Ikun hemm staff addizzjonali fil-klassi, barra l-għalliem/a tal-klassi, fejn ikun hemm bżonn.

2.8 *Li jkun hemm staff ta' sostenn adatt : proporzjonalità mat-tgħalliem**
Ikun hemm staff ta' sostenn disponibbli, ikkordinat fil-livell tal-iskola, biex jipprovdi medda wiesgħa ta' sostenn, eż. assistenti, carers u maniġers, kif ukoll professjonisti li jgħinu u jsostnu lit-tgħalliema fit-taħriġ prattiku fuq il-post tax-xogħol.

2.9 *Li jkun hemm staff b'esperjenza fis-suq tax-xogħol*
Staff li jaħdem f'ambjent ta' skola/VET li jkollu esperjenza ta' xogħol fil-kumpanniji, l-industriji, eċċ.

2.10 *Li jkun hemm kontinwità ta' staff/b'rata ta' turnover baxx*
Tim stabbli u permanenti ta' staff b'rata ta' turnover baxx jgħin biex jinbnew netwerks sostenibbli u konnessjoni mal-employers.

3.1 *Li jkun hemm partnerships stabbiliti/formalizzati, strutturi ta' kooperazzjoni u nnetwerkjar ma' stakeholders u servizzi**
Partnerships huma stabbiliti/formalizzati u kkoordinati (f'kuntrast ma' ad-hoc, koinċidentali u li jiddependu għal kollox fuq il-kuntatt bejn ftit individwi). Ikun hemm kooperazzjoni u strutturi ta' nnetwerkjar ma' stakeholders u servizzi, inklużi servizzi ta' impjegar, providers finanzjarji, ċentri tal-iggwidar taż-żgħażagħ, ħarsien taż-żgħażagħ, il-komunità lokali, l-organizzazzjonijiet voluntarji, eċċ.

3.2 *Li jkun hemm strutturi ta' kollaborazzjoni/koordinazzjoni/partnership bejn l-istituzzjoni VET, il-ministeri u l-employers (fil-livell nazzjonali/lokali)*
Jopera servizz ta' koordinazzjoni/unità: fil-livell ta' ministeru biex jikkoordina l-issettjar ta' skola/VET fil-ministeru u l-employers (eż. billi jipprovdi sostenn ta' kkowċjar waqt ix-xogħol); fil-livell ta' muniċipalità biex jimmonitorja u jikkoordina l-attivitajiet; u fil-livell ta' skola/VET biex jissettja l-livell li jikkooperaw bih, pereżempju, Bord ta' Taħriġ Vokazzjonali għal taħriġ prattiku.

3.3 *Li jkun hemm strateġija formali u b'saħħitha ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet VET u l-ġenituri, li tkun tinkludi l-parteċipazzjoni tal-ġenituri**
Ikun hemm strateġija biex tħeġġeġ is-sehim attiv tal-ġenituri fil-proċess tat-tgħallim tat-tfal, ibbażat fuq il-kooperazzjoni formali u d-djalogu mal-ġenituri bħala partners ugwali, biex jiġi assigurat li l-ġenituri jkollhom is-sehem tagħhom f'liema kumpannija jattendi t-tifel/tifla tagħhom.

3.4 *Li jkun hemm kollaborazzjoni bejn skejjel speċjali u skejjel mainstream VET (eż. it-tagħlim ta' għalliema speċjali/is-sostenn ta' għalliema fil-mainstream, attivitajiet mutwi)*
Skejjel VET speċjali u skejjel VET mainstream jikkollaboraw ma' xulxin u ma' organizzazzjonijiet ta' taħriġ biex jipprovdu VET għal tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet, eż. b'tagħlim permezz ta' għalliema speċjali/is-sostenn ta' għalliema mainstream u viċi versa.

3.5 *Li jkunu stabbiliti strutturi ta' kollaborazzjoni fis-servizz VET, is-servizzi ta' sostenn u l-ministeri fil-livell nazzjonali*
Ikunu stabbiliti kooperazzjoni u partnership bejn il-providers tas-servizzi u ministeri differenti kkonċernati b'feedback fuq l-iżvilupp tal-policy fil-livell nazzjonali.

4.1 *Ikun hemm tħejjija privokazzjonali fl-iskola*
Ikun hemm programmi privokazzjonali fil-livell tal-ewwel snin tal-iskola sekondarja.

4.2 *Ikunu stabbiliti strutturi ta' kooperazzjoni li jassiguraw korsijiet, assessjar u ċertifikati mfassla skont il-ħtiġijiet kurrenti u futuri tas-suq tax-xogħol**
Ikun hemm struttura ta' nnetwerkjar bi grupp ta' impjegati għal kooperazzjoni mill-qrib fir-rigward ta' taħriġ prattiku tat-tgħalliema u s-sejbien ta' xogħol wara l-gradwazzjoni.

4.3 *Ikunu stabbiliti strutturi u proċeduri li jassiguraw korsijiet, assessjar u ċertifikati li jkunu mfassla għall-ħtiġijiet kurrenti u futuri tas-suq tax-xogħol**
Il-programmi/korsijiet VET jiġu studjati perjodikament, kemm internament (eż. billi jiġu vvalidati skont l-analiżijiet riċenti tas-suq tax-xogħol) u/jew esternament (eż. aġenziji nazzjonali) bil-għan li jiġu adattati għal ħtiġijiet ta' ħiliet futuri. Dan potenzjalment ikun jirrikjedi l-involviment ta' rappreżentanti tas-suq tax-xogħol fil-proċeduri tal-iskola (eż. eżamijiet) u/jew strutturi (eż. bordijiet tal-iskejjel).

4.4 *Li jkollok staff (eż. job coaches, kunsillieri tal-karrieri, mentors) u riżorsi li jkunu jistgħu jinkisbu dejjem permezz tat-tranżizzjoni u x-xogħol**
Programmi ta' kkowċjar tal-job b'mod formali, iggwidar ta' karrieri jew servizz ta' sostenn, li jinkludu għajnuna-ta'-wara u preparazzjoni tal-impjegati, ikunu dejjem disponibbli għat-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet li jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol fis-suq ħieles tax-xogħol u meta jsibu x-xogħol għall-ewwel darba.

4.5 *Li jkun hemm kumpens finanzjaru għall-employers fuq bażi permanenti, jiġifieri għat-tul skont kemm ikun hemm bżonn, biex jagħmel tajjeb għall-abilità ridotta tax-xogħol tal-impjegati b'SEN/diżabiltà*
Il-kumpens finanzjarju jkun hemm dejjem, eż. permezz ta' sussidji minn awtoritajiet nazzjonali jew lokali.

4.6 *Li jkun hemm sistemi speċjalizzati li jwasslu lit-tgħalliemi (għallinqas temporanjament) lura fis-sistema mainstream biex jiġi evitat ittrekkjar permanenti*
Tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet jitmexxew minn sistema speċjali lura fil-mainstream f'ċerti punti (eż. l-aġenzija tax-xogħol tassessja kemm huma jkunu lesti għal apprendistat jew il-ħtieġa tagħhom għal kors privokazzjonali), biex jiġi evitat li jiġu ffissati f'rotta edukattiva waħda.

5.1 *Li jkun imwettaq qafas legali ta' edukazzjoni inklużiva fl-edukazzjoni sekondarja/ sekondarja ogħla**
Qafas legali nazzjonali/federali fuq l-edukazzjoni inklużiva fl-edukazzjoni sekondarja/sekondarja ogħla jiġi mwettaq permezz ta': għanijiet nazzjonali fuq edukazzjoni inklużiva; proviżjonijiet relatati ma' tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet; diċentralizzazzjoni tar-responsabiltajiet (reġjonali, livell lokali); aktar approċji ċċentrati fuq it-tgħalliemi u flessibiltà biex tistudja mad-diversità u t-tgħalliema b'SEN/diżabiltà mferrxa mal-pajjiż.

5.2 *Li tkun imwettqa sistema li tassigura d-dritt tat-tgħalliema b'SEN/diżabiltà li ma jkunux jistgħu jsegwu l-edukazzjoni mainstream tas-sekondarja ogħla/VET għal edukazzjoni speċjali fil-livell tas-sekondarja ogħla jew li tkun imfassla apposta (qafas legali fuq 'l-edukazzjoni għal kulħadd')*
Policies żviluppati fuq il-bażi ta' 'edukazzjoni għal kulħadd' jagħtu lit-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet (li ma jkunux jistgħu jsegwu edukazzjoni f'livell sekondarju ogħla mainstream/VET) id-dritt li jkollhom edukazzjoni mfassla għalihom jew edukazzjoni speċjali fl-iskola sekondarja ogħla/VET.

5.3 *Li jkun imwettaq qafas legali fuq id-diżabiltà li jassigura: id-drittijiet ċivili u d-delegar ta' responsabiltajiet rispettivi għal-livell lokali u reġjonali, li jwasslu għall-innovazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-istakeholders relevanti fil-VET*
Il-qafas legali fuq id-diżabiltà, l-opportunitajiet ugwali u/jew antidiskriminatorji jassiguraw: drittijiet ċivili (fir-rigward ta' impjegar, edukazzjoni, aċċessibiltà, ċittadinanza, eċċ.) u d-delegar ta' responsabiltajiet rispettivi għal-livell lokali u reġjonali, li jwasslu għall-innovazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-istakeholders relevanti fil-VET.

5.4 *Li jkun imwettaq qafas legali fuq l-impjegar tan-nies b'SEN/diżabiltajiet (direttivi, strateġiji nazzjonali) li fihom l-inklużjoni tat-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet fis-suq tax-xogħol tkun prijorità li tassigura: enfasi fuq is-sostenn għall-impjegar ta' nies b'SEN/diżabiltajiet; iffukar fuq il-kooperazzjoni bejn l-istakeholders; policies attivi li jippromwovu l-impjegar fil-livell lokali*
Il-policy tagħti prijorità lill-inklużjoni ta' tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet fis-suq ħieles tax-xogħol b'enfasi fuq sostenn addizzjonali; policies attivi li jippromwovu impjegar fil-

livell lokali; policy li tippromwovi rabta bejn VET, it-taħriġ prattiku tat-tgħalliema fil-kumpanniji u s-sostenn għal impjegar wara l-gradwazzjoni.

5.5 *Li jkun imwettaq qafas legali għas-sostenn meħtieġ għall-iskejjel (li jieħu tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet) u/jew għal tgħalliema u ġenituri**
Il-policy tipprovdi sostenn adekwat (eż. iffinanzjar addizzjonali, staff ogħla : proporzjonalità mat-tgħalliema, staff ta' sostenn, timijiet multidixxiplinarji, materjal edukattiv addattat, kumpaniji tal-iskejjel, tnaqqis mit-taxxa, aċċess għal servizzi ta' sostenn, eċċ) lil skejjel li jieħdu tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet u lil tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet u l-ġenituri tagħhom.

5.6 *Li jkun hemm qafas legali li jgħin lill-istituzzjonijiet VET biex joffru livelli differenti ta' apprendistat b'kurrikula differenti, li jwasslu għal livelli ta' kwalifiki differenti**
Il-flessibiltà fil-policy tgħin lill-issettjar VET biex joffru livelli differenti ta' programmi VET b'kurrikula differenti, li jwasslu għal livelli ta' kwalifiki differenti, bil-għan li jirrispondu għal ħtiġijiet differenti. Dan jinkludi opportunitajiet li jiswiċċjaw bejn verżjonijiet ta' apprendistat imtawla u mnaqqsa u/jew għal programm differenti ta' VET.

6.1 *Li jkun hemm is-sostenn ta' atmosfera awtentika ta' impenn, ħarsien u appartenenza li, flimkien ma' attitudnijiet pożittivi, jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' opportunitajiet ugwali**
L-istaff jemmen fil-ħiliet tat-tgħalliema u jara opportunitajiet aktar milli sfidi. L-għan tagħhom hu li jagħmel lit-tgħalliema jħossuhom aktar konfidenti u assertivi f'dak li jagħmlu. Huma jagħtu s-setgħa lit-tgħalliema bilgħan li jqajmu l-istima personali u jiżviluppaw il-personalitajiet tagħhom.

6.2 *Li jiġu ssalvagwardjati l-effetti pożittivi tat-timijiet multidixxiplinarji u x-xogħol f'tim b'mod koordinat**
Timijiet multidixxiplinarji għandhom rwoli ċari (għalliema, fiżjoterapisti, psikologi, kunsillieri tal-iskejjel, terapisti tat-taħdit, ħarrieġa, gwidi ta' karrieri, eċċ.) u l-approċju tat-tim u jikkooperaw b'livell għoli ta' komunikazzjoni interna (ikkowċjar koetanju, diskussjonijiet informali, soluzzjonar ta' problema b'mod kollaborattiv, eċċ.) u komunikazzjoni esterna b'servizzi oħrajn.

6.3 *Li jiġu offruti aktar opportunitajiet ta' taħriġ u żvilupp ta' staff biex tiġi assigurata l-kwalità fl-edukazzjoni**
Il-VET jissettja offerti fit-taħriġ in-service għall-għalliema kollha u l-istaff tas-sostenn fi proċess kontinwu f'kuntest ta' żvilupp professjonali, fosthom it-tagħlim koetanju, is-seminar fuq is-SEN, is-seminars mibnija fuq is-suġġett, eċċ.

6.4 *Li jkunu adattati metodi pedagoġiċi u tekniki fl-iskejjel u fil-kumpanniji**
L-għalliema/ħarrieġa jkunu kapaċi li jadattaw il-metodi pedagoġiċi biex iqabbluhom mal-ħtiġijiet tal-employers u jkollhom riżorsi għal xogħol individwali innovattiv kif ukoll sostenn.

6.5 *Li jiġu sostnuti l-kuntatti tal-istaff mal-kumpanniji għal taħriġ prattiku u xogħol*
L-istaff jibni relazzjonijiet tajbin u netwerks ma' employers fil-livell lokali għal taħriġ prattiku tat-tgħalliema u s-sejbien ta' impjiegi wara l-gradwazzjoni.

6.6 *Li jiġi pprovdut sostenn suffiċjenti għall-istaff tal-edukazzjoni li jkun jaqbel mal-ħtiġijiet tat-tgħalliema**
Jiġi pprovdut sostenn metodoloġiku, tekniku u psikoloġiku suffiċjenti lill-istaff edukattiv biex jadatta l-kurrikulu u l-materjali lit-tgħalliema b'SEN/diżabiltajiet.

7.1 *Li jiġi sostnut bilanċ tajjeb bejn is-suġġetti teoretiċi/akkademiċi u t-taħriġ prattiku**

Il-programmi VET jipprovdu bilanċ tajjeb bejn is-suġġetti teoretiċi/akkademiċi u t-taħriġ prattiku/titgħallem-billi-tagħmel.

7.2 *Li jkun hemm iffukar fuq approċji ta' tgħallim hands-on/prattika/li-jixbhu-l-ħajja li jinkludu wkoll suġġetti teoretiċi/akkademiċi**
Il-foku jkun fuq approċji ta' titgħallem-billi-tagħmel/tgħallim-fuq-ix-xogħol (bil-kontra ta' approċji teoretiċi), bis-suġġetti-qofol integrati fil-proġetti.

7.3 *Li jkunu ssalvagwardjati l-approċji li jkunu ċċentrati fuq it-tgħalliemi**
Approċju ċċentrat fuq it-tgħalliemi mfassal skont metodi pedagoġiċi u materjali, il-kurrikulu, il-metodi tal-assessjar u l-miri, eċċ., għal ħtiġijiet individwali.

7.4 *Li jkun hemm użu ta' pjanijiet individwali għall-edukazzjoni, it-tgħallim, it-taħriġ u t-tranżizzjoni**
Kurrikulu individwali, pjanijiet individwali ta' edukazzjoni/tgħallim/taħriġ, pjanijiet ta' tranżizzjoni individwali, eċċ., huma żviluppati u mwettqa.

7.5 *Li jkun hemm akkont għall-iżvilupp ta' ħiliet soċjali u benessere**
Attenzjoni approprijata tingħata lill-iżvilupp ta' ħiliet soċjali u benessere, eż. ħiliet personali u soċjali, drittijiet, dmirijiet ta' ċittadinanza, attivitajiet ta' għixien ta' kuljum (ADL).

7.6 *Li jkun hemm l-użu ta' metodi ta' tagħlim u approċji**
Metodi ta' tgħallim innovattiv u approċji huma mwettqa, eż. tgħallim ta' koetanji, logħob ta' rwol, tgħallim permezz ta' attivitajiet awtentiċi, l-użu ta' logħob għal ċerti suġġetti (eż. Matematika).

7.7 *Li jkun hemm salvagwardjar tal-flessibiltà f'opportunitajiet/korsijiet ta' VET li jgħinu fil-progress minn livell għal ieħor**
Ikun hemm flessibiltà f'opportunitajiet/korsijiet VET, biex b'hekk it-tgħalliema jistgħu jibdew fi programm ta' livell minn isfel u jimxu lejn programm ta' livell ogħla jew qabel jew wara l-gradwazzjoni.

7.8 *Li jkun hemm sorveljanza tat-taħriġ prattiku f'kumpannija u l-offerta ta' mudell ta' impjegar sostnut b'intensità ta' sostenn li progressivament dejjem tonqos**
It-tgħalliema huma assistiti/sostnuti minn staff (għalliema, ħarrieġa, assistenti, job coaches, mentors, eċċ.), kemm waqt it-taħriġ prattiku fil-kumpanniji u wkoll wara l-gradwazzjoni. Iż-żgħażagħ li jkunu sabu impjieg bi ħlas huma sostnuti fix-xogħol permezz ta' job coaches/assistenti permezz ta' mudelli ta' impjegar sostnut, b'sostenn dejjem jonqos fl-intensità.

7.9 *Li jkun hemm sostenn tat-tgħalliema u l-employers waqt il-fażi tat-tranżizzjoni fis-suq ħieles tax-xogħol**
Il-kunsillieri tal-karriera/l-uffiċjali jinfurmaw u jiggwidaw lit-tgħalliema dwar il-possibiltajiet ta' impjieg, jiffaċilitaw u jsostnu l-kuntatt mal-employers, jipprovdu s-sostenn fl-applikazzjonijiet għax-xogħol, jipprovdu informazzjoni u sostenn għall-employers u jipprovdu sostenn addizzjonali minn nies żgħażagħ, eċċ.

7.10 *Jiġu pprovduti attivitajiet li jservu biex isostnu l-impjieg tat-tgħalliema fil-kumpanniji**
Attivitajiet ta' sostenn li jsegwu u jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' żgħażagħ u employers bil-għan li jsostnu l-impjieg tat-tgħalliemi ladarba dawn isibuh.

7.11 *Li jkun offrut taħriġ vokazzjonali (korsijiet, programmi u esperjenza ta' xogħol) li jinvolvi xogħol reali bi klijenti reali*
Ix-xogħol isir fil-programm VET fuq ordnijiet tal-klijenti, eċċ., b'kuntatt reali ma' klijenti u utenti oħra.

7.12 *Li jkun hemm iffukar fuq l-abiltajiet tat-tgħalliema**
It-tgħalliema bis-SEN/diżabiltajiet jingħataw is-saħħa (empowered), jiffukaw fuq il-ħiliet tagħhom: dak li *jistgħu* jagħmlu, MHUX dak li *ma jistgħux* jagħmlu. Dan huwa bbażat fuq it-twemmin b'saħħtu tat-tgħalliema u l-għalliema fl-aspetti b'saħħithom u l-possibiltajiet tat-tgħalliema, bħala mezz ta' tkabbir tal-istima personali u l-kunfidenza nifsija.

8.1 *Li jkun hemm xogħol imxierek, kollaborazzjoni qawwija, innetwerkjar tajjeb, spirtu miftuħ ta' kollaborazzjoni**
Ikun hemm innetwerkjar tajjeb u kollaborazzjoni bejn l-istakeholders differenti fil-livell lokali li jinkludu: il-muniċipalità, is-servizz ta' impjegar, is-servizzi ta' sostenn, il-kmamar tal-kummerċ, l-NGOs, l-organizzazzjonijiet volontarji, il-ġenituri, it-trade unions, eċċ.

8.2 *Li jkun hemm tibdil u kooperazzjoni mal-ġenituri fuq livell ta' ugwaljanza**
Relazzjonijiet tajbin jeżistu u l-ġenituri huma attivament involuti bħala sieħba ugwali.

8.3 *Li jkun hemm attitudnijiet pożittivi ta' stakeholders u tgħalliema/għalliema**
L-employers ikollhom esperjenzi pożittivi ma' trainees u impjegati b'SEN/diżabiltajiet; il-ġenituri jkollhom esperjenzi pożittivi mal-VET u dawk li jipprovdu l-impjiegi; it-tgħalliema huma sodisfatti u konxji tas-sotenn li jirċievu; il-providers tal-fondi jagħrfu l-valur tal-flus.

8.4 *Li jkun hemm issalvagwardjar ta' konnessjonijiet ma' employers/kumpanniji lokali għal taħriġ prattiku u opportunitajiet ta' xogħol ibbażati fuq il-fiduċja u l-esperjenzi mgħoddija**
Konnessjonijiet reżiljenti (fit-tul, stabbiliti tajjeb u stabbli) jirriżultaw f'persentaġġ għoli ta' tgħalliema li jiksbu xogħol mal-kumpannija li fiha jagħmlu t-taħriġ tagħhom, għaliex il-kumpanniji jħossuhom kunfidenti minn esperjenzi passati li huma jistgħu jirċievu s-sostenn meħtieġ.

9.1 *Li jkun hemm żvilupp ta' medda differenzjata ta' livelli ta' kwalifiki*
Ikun hemm programmi VET differenti u ċertifikati, li jżommu fil-mira l-kisba ta' ħiliet u kompetenzi differenti, b'opzjonijiet għall-akkreditazzjoni ta' ksib individwali ta' miri definiti.

9.2 *Li jkun hemm għoti (awarding) ta' portfolios/ċertifikati/dokumenti fuq kisbiet u ħiliet**
Id-dokumenti/portfolios jinżammu fuq ħiliet u kisbiet u xi minn daqqiet ukoll fuq sostenn meħtieġ fil-post tax-xogħol.

9.3 *Li jkun hemm l-għoti (awarding) tal-istess ċertifikati bħal dawk ta' koetenji li mhumiex SEN/mhux-diżabbli*
It-tgħalliema jirċievu edukazzjoni ekwivalenti; iċ-ċertifikati huma l-istess għal koetanji mhux SEN/mhux-diżabbli, anke jekk it-tul taż-żmien kien itwal jew ingħatat għajnuna addizzjonali.

9.4 *Li jkun hemm ċertifikazzjoni ta' ħiliet marbuta max-xogħol u mal-ħajja barra ċ-ċertifikati uffiċjali*

Livelli differenti ta' ċertifikati jistgħu jinkisbu minn tgħalliema individwali, bis-sostenn u konferma tal-employers lokali.

9.5 *Li jkun hemm żvilupp u twettiq ta' kurrikula individwalizzati u flessibbli**
Approċju flessibbli jgħin fl-iżvilupp u t-twettiq ta' kurrikula individwali.

9.6 *It-twettiq ta' inklużjoni riversa*

Korsijiet VET u servizzi u faċilitajiet taċ-ċentri VET huma miftuħa għal koetanji mhux-SEN/mhux-diżabbli.

9.7 *Li jkun hemm iffukar fuq proviżjoni msejsa fuq il-ħtiġijiet minflok ibbażata fuq id-dijanjożi*
Ħtiġijiet speċjali huma definiti b'mod flessibbli u miftuħ u l-proviżjoni hija bbażata fuq ħtiġijiet partikolari (eż. it-tnaqqis ta' dropouts).

9.8 *Li jkun hemm kooperazzjoni bbażata fuq is-saħħa bejn il-proviżjoni mainstream u l-proviżjoni speċjali*
L-iskejjel speċjali u l-iskejjel mainstream jikkollaboraw u jsostnu lil xulxin biex inaqqsu d-dropouts.

9.9 *Li jkunu pprovduti toroq (pathways) u opzjonijiet li jgħinu fl-esplorazzjoni (jiġifieri orizzontali) jew progressjoni (jiġifieri vertikali)**
Ikun hemm: opzjonijiet biex jintjiebu l-kwalifiki, imma wkoll biex jintjiebu l-gradi; opportunitajiet għat-tgħalliema biex ibiddlu ħsiebhom u biex jaqilbu għal programm differenti; l-opzjonijiet biex jagħżlu bejn professjonijiet differenti u li jkollhom ċertifikat akkademiku u/jew professjonali; opzjonijiet li jagħmlu kurrikulu adattat.

9.10 *Li jkun hemm strateġija ta' tnaqqis ta' dropouts**
L-iskola tieħu azzjoni edukattiva priventiva kontra d-dropouts flimkien ma' kooperazzjoni ma' servizzi soċjali lokali u tiżviluppa miżuri biex id-dropouts isibu alternattivi ġodda.

9.11 *Li jkun hemm impenn mill-istakeholders kollha għal assigurazzjoni ta' kwalità u titjib fl-istrateġiji**
Il-programmi huma mwettqa u ċċertifikati biex itejbu l-kwalità tal-VET u b'mod kontinwu jtejbu t-tħejjija għas-suq tax-xogħol reali.

9.12 *Li jiġi assigurat li t-tgħalliema, il-familji u l-istakeholders l-oħra kollha jkunu konxji u jifhmu l-possibiltajiet tat-tgħallim*
L-informazzjoni fuq il-possibiltajiet tat-tgħallim hija ppreżentata effettivament u mifruxa, eż. billi jiġu pprovduti fuljetti ta' informazzjoni b'għadd ta' links varji tal-internet għal portals ta' jobs, informazzjoni fuq kif issib opportunitajiet oħra u dati ewlenin għas-sena.

9.13 *Li jiġi assigurat li l-iskejjel ikollhom policies inklużivi fil-prattika*
L-ugwaljanza hija parti integrali fil-prattika u tista' tiġi osservata fl-interazzjoni bejn l-għalliema u t-tgħalliema, ibbażata fuq policy inklużiva ċara fil-livell tal-iskola ma' strateġiji għat-twettiq u l-monitoraġġ tal-progress.

9.14 *Li titwettaq policy tal-ebda riskju/policy ta' ritorn*
It-tgħalliema jistgħu jerġgħu jmorru għall-issettjar VET jekk l-esperjenzi tax-xogħol tagħhom ma jmorrux kif ikunu xtaqu (policy tal-ebda riskju).

9.15 *It-twettiq ta' policies f'kull skola b'mod ugwali*
Il-policy nazzjonali dwar il-kwalità VET hija mwettqa ugwalment f'kull skola.

9.16 *Li tinbidel l-istruttura u t-tul tal-programm VET jekk ikun meħtieġ**
L-issettjar VET huwa flessibbli, u jassigura li l-istruttura u t-tul tal-programmi VET jirrispondu mal-ħtiġijiet tat-tgħalliemi, eż. permezz ta' estensjoni ta' tul ta' kors, internship itwal fil-klassijiet preparatorji, enfasi fuq il-korsijiet prattiċi aktar mill-korsijiet teoretiċi, eċċ.

*9.17 Li jkun hemm assessjar tat-tgħalliema qabel il-bidu tal-korsijiet biex jiġi mfassal programm VET għall-individwu**

It-tgħalliema jieħdu parti fi skemi ta' assessjar qabel jibdew il-programmi VET biex b'hekk jingħażel il-programm VET l-aktar approprijat, u li jkun jaqbel mal-abiltajiet tat-tgħalliema u x-xewqat tagħhom.

*9.18 Li jkun hemm fażijiet prattiċi sorveljati li jsiru suffiċjentement qabel wieħed iħalli l-iskola u li jkunu obbligatorji/mandatorji għat-tgħalliema kollha**

It-tgħalliema kollha jieħdu parti f'espożizzjonijiet għal xogħol sorveljat b'mod obbligatorju/mandatorju; taħriġ prattiku fil-qosor fis-suq ħieles tax-xogħol; taħriġ fit-tul (eż. 14-il ġimgħa) biex jiċċekkjaw l-abiltajiet tagħhom u jiġu stabbiliti konnessjonijiet ma' employers futuri.

## ANNESS 3 DEHRA ĠENERALI TAL-FATTURI F'KULL WAĦDA MILL-ERBA' TIFSILIET

| Fattur | It-tifsila tal-immaniġġjar tal-istituzzjoni VET | It-tifsila tal-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ | It-tifsila tat-tgħalliema | It-tifsila tas-suq tax-xogħol |
|---|---|---|---|---|
| 2.1 | X | | X | |
| 2.2 | X | | | |
| 2.3 | X | | X | X |
| 2.5 | X | | | |
| 2.6 | X | | X | |
| 2.7 | X | X | X | |
| 2.8 | X | X | X | X |
| 3.1 | | | | X |
| 3.3 | | | X | X |
| 4.2 | | | X | X |
| 4.3 | | | X | X |
| 4.4 | X | X | X | X |
| 5.1 | X | X | | |
| 5.5 | X | X | X | |
| 5.6 | X | X | X | X |
| 6.1 | | X | X | |
| 6.2 | X | X | | |
| 6.3 | X | | | |
| 6.4 | | X | X | X |
| 6.6 | X | X | X | |
| 7.1 | | X | X | X |
| 7.2 | | X | X | X |
| 7.3 | X | X | X | |
| 7.4 | X | X | X | X |
| 7.5 | | X | X | X |
| 7.6 | | X | | |
| 7.7 | X | X | X | |
| 7.8 | | X | X | X |
| 7.9 | X | X | X | X |
| 7.10 | | X | X | X |
| 7.12 | | X | X | |
| 8.1 | | | | X |
| 8.2 | | | X | |
| 8.3 | | X | | |
| 8.4 | | | | X |
| 9.2 | X | | X | X |
| 9.5 | X | X | | |
| 9.9 | X | | X | |
| 9.10 | | X | X | |
| 9.11 | X | | | |
| 9.16 | X | | X | |
| 9.17 | X | | X | |
| 9.18 | | X | X | X |
| A. | | X | X | |
| B. | X | X | X | X |
| Ċ. | | | | X |
| D. | | | X | X |
| E. | | X | X | |
| F. | X | X | X | X |

**MT**


**Secretariat:**

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

**Brussels Office:**

Avenue Palmerston 3
BE-1000
Brussels
Belgium
Tel: +32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org


**www.european-agency.org**